Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Diċembru 2018**
**(OR. en)**

**15401/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0190(CNS)**

**JUSTCIV 310**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 14784/18 |
| Nru dok. Cion: | 10767/16 |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni)<br>- Approċċ ġenerali |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-test tal-approċċ ġenerali dwar il-proposta msemmija hawn fuq, milħuq mill-Kunsill ĠAI fit-3661 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2018.

Meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni, il-bidliet/iż-żidiet fl-Anness huma mmarkati b'**tipa grassa** u t-tħassir huwa mmarkat bi "(...)". Il-premessi fin-noti ta' qiegħ il-paġna mhumiex immarkati.

**ANNESS**

Proposta għal

Regolament tal-Kunsill

dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri

(Riformulazzjoni)

[…]

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika (…) f'materji ċivili[1] (…) **ta'**:

   (a) id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ;

   (b) l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

[1] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Unjoni taddotta, fost affarijiet oħra, miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarji f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera, b'mod partikolari meta jkun neċessarju għat-tħaddim kif suppost tas-suq intern. Jenħtieġ li t-terminu "materji ċivili" jiġi interpretat b'mod awtonomu, f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li jitqies bħala kunċett awtonomu li għandu jiġi interpretat b'riferiment, l-ewwel nett, għall-objettivi u għas-sistema ta' dan ir-Regolament u, it-tieni nett, għall-prinċipji ġenerali li jirriżultaw mill-corpus tas-sistemi legali nazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li t-terminu ta' "materji ċivili" jiġi interpretat fis-sens li jista' wkoll jinkludi miżuri li, mill-perspettiva tad-dritt ta' Stat Membru, jistgħu jaqgħu taħt id-dritt pubbliku. Jenħtieġ li jkopri b'mod partikolari l-applikazzjonijiet, il-miżuri jew id-deċiżjonijiet kollha f'materji ta' "responsabbiltà tal-ġenituri" fit-tifsira ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-objettivi tiegħu."

2. Il-materji msemmija fil-**punt (b) tal-**paragrafu 1(...) jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu:

(a) drittijiet ta' kustodja u drittijiet ta' aċċess;

(b) kuratura, tutela u istituzzjonijiet simili;

(c) in-nomina u l-funzjonijiet ta' kwalunkwe persuna jew korp li jkollu l-inkarigu (…) tal-persuna jew tal-proprjetà **tal-minuri**, li jirrappreżenta jew jassisti lill-minuri;

(d) it-tqegħid tal-minuri (…) f'kustodja istituzzjonali **jew fil-kura ta' familja**;[2]

(e) il-miżuri għall-protezzjoni tal-minuri dwar l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni u l-ħelsien (…) tal-proprjetà **tal-minuri**.

[2] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Kwalunkwe tip ta' tqegħid ta' minuri fil-kura ta' familja – jiġifieri, ma' individwu wieħed jew aktar – jew f'kustodja istituzzjonali, pereżempju f'orfanatrofju jew f'dar tat-tfal, fi Stat Membru ieħor jenħtieġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jiġix eskluż espliċitament, bħalma huwa l-każ ta' tqegħid bi ħsieb ta' adozzjoni, tqegħid ma' ġenitur jew ma' kwalunkwe qarib strett ieħor kif iddikjarat mill-Istat Membru riċeventi. B'riżultat ta' dan, anke "tqegħid edukattiv" ordnat minn qorti jew organizzat minn awtorità kompetenti bil-qbil tal-ġenituri jew tal-minuri jew fuq talba tagħhom wara imġiba devjanti tal-minuri, jenħtieġ li jiġi inkluż. Huwa biss it-tqegħid – kemm jekk edukattiv jew punittiv – ordnat jew irranġat wara att tal-minuri li jista' jammonta għal att punibbli skont il-liġi kriminali nazzjonali, jekk imwettaq minn adult irrispettivament minn jekk fil-każ partikolari dan jista' jwassal għal kundanna, li jenħtieġ li jiġi eskluż."

**2a. Il-Kapitoli III u VI ta' dan ir-Regolament japplikaw f'materji ta' tneħħija jew żamma illegali ta' minuri li jkun jikkonċerna aktar minn Stat Membru wieħed, filwaqt li jikkomplementaw il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980"). Il-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament japplika għal deċiżjonijiet li jordnaw ir-ritorn ta' minuri lejn Stat Membru ieħor skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li jkollhom jiġu infurzati fi Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn tingħata d-deċiżjoni.[3]**

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

(a) l-istabbiliment jew il-kontestazzjoni ta' relazzjoni bejn minuri u ġenitur;

(b) id-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni, il-miżuri preparatorji għall-adozzjoni, jew l-annullament jew ir-revoka tal-adozzjoni;

(c) il-kunjom u l-ismijiet tal-minuri;

(d) l-emanċipazzjoni;

(e) l-obbligazzjonijiet ta' manteniment;

(f) il-fondi fiduċjarji jew ta' suċċessjoni;

(g) il-miżuri meħuda bħala riżultat ta' reati kriminali mwettqa minn minuri.[4]

---

[3] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Minkejja li proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 mhumiex proċedimenti dwar is-sustanza tar-responsabbiltà tal-ġenituri, jenħtieġ li d-deċiżjonijiet li jordnaw ir-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 jibbenefikaw minn rikonoxximent u infurzar taħt il-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament fejn jeħtieġ li dawn jiġu infurzati fi Stat Membru ieħor minħabba ħtif ulterjuri wara li jkun ġie ordnat ir-ritorn. Barra minn hekk, jenħtieġ li kapitoli oħrajn ta' dan ir-Regolament ikomplu japplikaw għal aspetti oħra f'sitwazzjonijiet ta' tneħħija jew żamma illegali ta' minuri, pereżempju id-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni għall-qorti tal-Istat Membru ta' residenza abitwali, u d-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar għal kwalunkwe ordni magħmula minn dik il-qorti."

[4] Ara l-Premessa proposta fin-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(...)**(a)** "(…) **qorti**" tfisser kwalunkwe (…) awtorità fi (…) **kwalunkwe** Stat Membru(...) b'ġurisdizzjoni f'materji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(…)

(...)**(b)** "deċiżjoni" tfisser **deċiżjoni**[5] **ta' qorti ta' Stat Membru, inkluż** digriet, ordni jew sentenza (…)**, li tagħti** divorzju, separazzjoni legali, (…)**jew** annullament (…) **ta' żwieġ, jew li tikkonċerna materji ta'** responsabbiltà tal-ġenituri;

**Għall-finijiet tal-Kapitolu IV, "deċiżjoni" tinkludi:**

**(i) deċiżjoni li tingħata fi Stat Membru wieħed u li tordna r-ritorn ta' minuri lejn Stat Membru ieħor skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li għandha tiġi infurzata fi Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn tkun ingħatat id-deċiżjoni;**

---

5 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jenħtieġ li "qorti" tingħata tifsira wiesgħa sabiex ma tkoprix biss qrati li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji, iżda wkoll awtoritajiet amministrattivi, jew awtoritajiet oħra, bħal nutara, li jeżerċitaw ġurisdizzjoni f'ċerti materji matrimonjali jew materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Il-qrati kollha kif iddefiniti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu marbutin bir-regoli tal-ġurisdizzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Jenħtieġ li kwalunkwe ftehim approvat mill-qorti wara eżami tas-sustanza f'konformità mal-liġi u l-proċedura nazzjonali jiġi rikonoxxut jew infurzat bħala "deċiżjoni". Jenħtieġ li ftehimiet oħra li jiksbu effett legali vinkolanti fl-Istat Membru ta' oriġini wara intervent formali ta' awtorità pubblika jew awtorità oħra kif ikkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru għal dak il-għan jingħataw effett fi Stati Membri oħra f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar strumenti awtentiċi u ftehimiet f'dan ir-Regolament."

**(ii) miżuri proviżorji, inkluż dawk protettivi, ordnati minn qorti li bis-saħħa ta' dan ir-Regolament ikollha ġurisdizzjoni fuq is-sustanza tal-materja jew miżuri ordnati f'konformità mal-Artikolu 25(4) b'rabta mal-Artikolu 14.**

**Għall-finijiet tal-Kapitolu IV, "deċiżjoni" ma tinkludix miżuri proviżorji, inkluż dawk protettivi, li jkunu ordnati minn tali qorti meta l-konvenut ma jkunx irċieva taħrika biex jidher, sakemm id-deċiżjoni li jkun fiha l-miżura ma tiġix notifikata lill-konvenut qabel l-infurzar.**

**(b1) "strument awtentiku" tfisser dokument li ġie abbozzat jew irreġistrat formalment bħala strument awtentiku fi kwalunkwe Stat Membru fil-materji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u li l-awtentiċità tiegħu:**

**(i) hija relatata mal-firma u l-kontenut tal-istrument; u**

**(ii) ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew minn awtorità oħra mogħtija s-setgħa[6] għal dak il-għan. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawn l-awtoritajiet lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 81;**

6 It terminu "għoti tas-setgħa" imsemmi fil-punt (b1)(ii) għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu skont id-definizzjoni ta' "strument awtentiku" li jintuża b'mod orizzontali fi strumenti oħra tal-UE (bħar-Regolament dwar il-Manteniment, ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni jew ir-Riformulazzjoni tar-Regolament Brussell I) u fid-dawl tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

**(b2)"ftehim", għall-finijiet tal-Kapitolu IV, tfisser dokument li mhuwiex strument awtentiku, ġie konkluż mill-partijiet fil-materji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u ġie rreġistrat minn awtorità pubblika[7] kif ikkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 81 għal dak il-għan;**

(...)**(c)** "Stat Membru ta' oriġini" tfisser l-Istat Membru li fih **tkun ingħatat id-deċiżjoni (…), ikun ġie formalment imfassal jew irreġistrat l-istrument awtentiku, jew ikun ġie rreġistrat il-ftehim**;

(...)**(d)** "Stat Membru tal-infurzar" tfisser l-Istat Membru li fih ikun mistenni li tiġi infurzata d-deċiżjoni**, l-istrument awtentiku jew il-ftehim**;

7 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Ir-Regolament ma għandux jippermetti ċirkolazzjoni libera ta' sempliċi ftehimiet privati. Madankollu, ftehimiet li mhuma la deċiżjoni u lanqas strument awtentiku iżda li ġew irreġistrati minn awtorità pubblika kompetenti li tagħmel dan, għandhom jiġu ċċirkolati. Tali awtoritajiet pubbliċi jistgħu jinkludu nutara li jirreġistraw ftehimiet, anke fejn dawn jeżerċitaw professjoni liberali."

(...)**(e)** "minuri" tfisser kull persuna taħt l-età ta' 18-il sena;[8]

(...)**(f)** "responsabbiltà tal-ġenituri" tfisser id-drittijiet u d-doveri kollha relatati mal-persuna jew il-proprjetà tal-minuri li jingħataw lil persuna fiżika jew legali b'deċiżjoni, b'leġittimità jew bi ftehim li għandu effetti legali inkluż id-drittijiet ta' kustodja u d-drittijiet ta' aċċess;

(...)**(g)** "detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri" tfisser kull persuna, istituzzjoni jew korp ieħor li għandhom ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq il-minuri;

---

8 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-minuri kollha sa 18-il sena bħall-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996"), anke f'każijiet fejn qabel dik l-età, huma jkunu kisbu l-kapaċità skont il-liġi personali tagħhom, pereżempju permezz ta' emanċipazzjoni minħabba ż-żwieġ. Dan għandu jevita trikkib mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti li tapplika mill-età ta' 18-il sena 'l quddiem u fl-istess ħin, jevita lakuni bejn iż-żewġ strumenti. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980"), u konsegwentement anke l-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament li jikkomplementa l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 f'relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, għandha tkompli tapplika għal minuri sal-età ta' 16-il sena."

(…)**(h)** id-"drittijiet ta' kustodja" (…) **tinkludi** drittijiet u doveri relatati mal-kura tal-persuna ta' minuri, **u** b'mod partikolari, id-dritt li jiġi ddeterminat (…) il-post ta' residenza **tal-minuri** (…);[9]

(…)**(i)** "drittijiet ta' aċċess" tfisser drittijiet ta' aċċess għal minuri, inkluż id-dritt li tieħu l-minuri f'post differenti minn dak li huwa r-residenza abitwali tiegħu għal perijodu ta' żmien limitat;

(…)**(j)** "tneħħija jew żamma illegali" (…) tfisser **it-**tneħħija jew iż-żamma **ta' minuri** fejn:

(…)**(i)** hemm ksur ta' liġi tad-drittijiet ta' kustodja akkwistati permezz ta' deċiżjoni jew b'leġittimità jew b'xi ftehim li għandu effett legali taħt il-liġi tal-**Istat** Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma; u

(…)**(ii)** f'dak iż-żmien tat-tneħħija jew iż-żamma, id-drittijiet ta' kustodja kienu attwalment eżerċitati, konġuntament jew unikament, jew kieku kienu jkunu hekk eżerċitati minħabba t-tneħħija jew iż-żamma.

**2. Għall-fini tal-Artikoli [3, 6, 10a, 12, 12a, 31/47e, 42/47q, 59, 72 u 80] il-kunċett ta' "domiċilju" jissostitwixxi l-kunċett ta' "nazzjonalità" għall-Irlanda u r-Renju Unit u għandu l-istess tifsira bħal fis-sistemi legali ta' dawk l-Istati Membri.**

---

9 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Għall-fini ta' dan ir-Regolament, persuna jenħtieġ li tiġi kkunsidrata li għandha "drittijiet ta' kustodja" fejn, skont deċiżjoni, b'leġittimità jew bi ftehim li jkollu effett legali skont il-liġi tal-Istat Membru fejn il-minuri jkollu residenza abitwali, detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri ma jistax jiddeċiedi dwar il-post ta' residenza tal-minuri mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna, irrispettivament mit-termini użati skont il-liġi nazzjonali. F'xi sistemi li jżommu t-termini ta' "kustodja" u "aċċess", il-ġenitur bla kustodja jista' fil-fatt iżomm responsabbiltajiet importanti għal deċiżjonijiet li jikkonċernaw lill-minuri li jmorru lil hinn minn sempliċi dritt ta' aċċess."

KAPITOLU II

ĠURISDIZZJONI **F'MATERJI MATRIMONJALI**
**U F'MATERJI TA' RESPONSABBILTÀ TAL-ĠENITURI**

TAQSIMA 1

DIVORZJU, SEPARAZZJONI LEGALI U ANNULLAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

Artikolu 3

Ġurisdizzjoni ġenerali

(…) F'materji dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ, il-ġurisdizzjoni taqa' taħt (…) il-**qrati** tal-Istat Membru:

(a) f'liema territorju:

(i) il-konjuġi huma abitwalment residenti, (…)

(ii)il-konjuġi kienu abitwalment residenti abitwali hemm l-aħħar, sa fejn xi ħadd minnhom għadu residenti hemm, (…)

(iii) il-konvenut huwa abitwalment residenti, (…)

(iv) fil-każ ta' applikazzjoni konġunta, wieħed mill-konjuġi huwa abitwalment residenti, (…)

(v)ir-rikorrent huwa abitwalment residenti jekk hu jew hija kienu joqogħdu hemm mill-inqas sena immedjatament qabel ma saret l-applikazzjoni, jew

(vi) ir-rikorrent huwa abitwalment residenti jekk hu kien residenti hemm mill-inqas sitt xhur immedjatament qabel ma saret l-applikazzjoni u jkun ċittadin tal-Istat Membru inkwistjoni (…); **jew**

(b) taċ-ċittadinanza taż-żewġ konjuġi (…).

(…)

Artikolu 4

Kontrotalba

(…) Il-**qorti** li l-proċedimenti jkunu pendenti quddiemha fuq il-bażi tal-Artikolu 3 għandu jkollha wkoll il-ġurisdizzjoni sabiex teżamina kontrotalba, dment li dik il-kontrotalba taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Bidla ta' separazzjoni legali f'divorzju

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, (…) **qorti** ta' Stat Membru li tkun tat deċiżjoni dwar is-separazzjoni legali għandu jkollha wkoll il-ġurisdizzjoni li tibdel dik id-deċiżjoni f'divorzju, kemm il-darba l-liġi ta' dak l-Istat Membru tippermetti.

Artikolu 6

Ġurisdizzjoni residwa

1. **Soġġett għall-paragrafu 2, m**eta l-ebda (…) **qorti** ta' Stat Membru ma jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 3, 4 u 5, il-ġurisdizzjoni tiġi ddeterminata, f'kull Stat Membru, skont il-liġijiet ta' dak (…) l-Istat.

2. (…) **Konjuġi li huwa**:

(a) (…) abitwalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru; jew

(b) (…) ċittadin ta' Stat Membru, (…)

**jista' jiġi mħarrek/imħarrka fi Stat Membru ieħor skont l-Artikoli 3, 4 u 5 biss.**

3. Kuntrarju għal konvenut li mhuwiex abitwalment residenti (…) u lanqas ma huwa (…) ċittadin ta' Stat Membru (…), kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru li huwa abitwalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jista', bħaċ-ċittadini ta' dak (…) l-Istat, jagħmel użu mir-regoli ta' ġurisdizzjoni li huma applikabbli f'dak (…) l-Istat.

TAQSIMA 2

RESPONSABBILTÀ TAL-ĠENITURI

Artikolu 7

Ġurisdizzjoni ġenerali

1. Il-(…)**qrati** ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru **fil-mument li l-qorti tiġi invokata**.

**2. Il-Paragrafu 1 għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8 sa 10a.**

Artikolu 8

Kontinwità tal-ġurisdizzjoni fir-rigward tad-drittijiet ta' aċċess

1. Meta minuri jiċċaqlaq legalment minn Stat Membru wieħed għal ieħor u jakkwista residenza abitwali ġdida hemmhekk, il-(…)**qrati** tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' qabel tal-minuri**, b'eċċezzjoni għall-Artikolu 7,** għandhom iżommu l-ġurisdizzjoni għal tliet xhur wara ċ-ċaqliqa, biex tiġi modifikata deċiżjoni dwar drittijiet ta' aċċess li tkun ingħatat f'dak l-Istat Membru qabel ma l-minuri jkun ċċaqlaq, jekk il-persuna li tkun ingħata d-drittijiet ta' aċċess skont id-deċiżjoni jkompli jkollha r-residenza abitwali tagħha fl-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' qabel tal-minuri.

2. Il-Paragrafu 1 ma japplikax jekk id-detentur tad-drittijiet ta' aċċess imsemmija fil-paragrafu 1 aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-(…)**qrati** tal-Istat Membru tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri billi jipparteċipa fi proċedimenti quddiem dawk il-(…)**qrati** mingħajr ma jikkontesta l-ġurisdizzjoni tagħhom.

Artikolu 9

Ġurisdizzjoni f'każ ta' **tneħħija jew żamma illegali ta'** minuri (…)[10]

**Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10a,** fil-każ tat-tneħħija jew taż-żamma illegali ta' (…) minuri, il-(…)**qrati** tal-Istat Membru fejn il-minuri kien abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali għandhom iżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom sakemm il-minuri jakkwista residenza abitwali fi Stat Membru ieħor u:

(a) kull persuna, istituzzjoni jew xi korp ieħor li għandhom drittijiet ta' kustodja jkunu taw il-kunsens tagħhom għat-tneħħija jew għaż-żamma; jew

(b) il-minuri jkun residenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor għall-perijodu ta' mill-inqas sena wara li l-persuna, l-istituzzjoni jew korp ieħor li jkollu drittijiet ta' kustodja jkun kellu jew kellu jkollu informazzjoni dwar fejn qiegħed il-minuri u l-minuri jkun stabbilixxa ruħu fl-ambjent ġdid tiegħu u mill-inqas waħda mill kondizzjonijiet segwenti tiġi ssodisfata:

   (i) fi żmien sena wara li d-detentur tad-drittijiet ta' kustodja jkun kellu jew kellu jkollu informazzjoni dwar fejn kienu l-minuri, ma tkun saret l-ebda talba għar-ritorn ppreżentata quddiem l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn il-minuri jkunu ġew imneħħija jew miżmuma;

---

10 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"F'każijiet ta' tneħħija jew żamma illegali ta' minuri, u mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' għażla tal-qorti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri tinżamm sakemm tiġi stabbilita residenza abitwali ġdida fi Stat Membru ieħor u jiġu sodisfatti xi kondizzjonijiet speċifiċi. Jenħtieġ li l-Istati Membri li jkollhom ġurisdizzjoni konċentrata jqisu li jippermettu li l-qorti invokata għall-applikazzjoni ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 teżerċita wkoll il-ġurisdizzjoni maqbula jew aċċettata mill-partijiet skont dan ir-Regolament f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri fejn ikun intlaħaq ftehim bejn il-partijiet matul dawn il-proċedimenti ta' ritorn. Jenħtieġ li tali ftehimiet jinkludu ftehimiet kemm dwar ir-ritorn kif ukoll dwar in-nonritorn tal-minuri. Jekk jintlaħaq ftehim dwar nonritorn, jenħtieġ li l-minuri jibqa' fl-Istat Membru tar-residenza abitwali l-ġdida u jenħtieġ li l-ġurisdizzjoni għal kwalunkwe proċedimenti ta' kustodja futuri hemmhekk tiġi ddeterminata abbażi tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri."

(ii) talba għar-ritorn reġistrata mid-detentur tad-drittijiet ta' kustodja tkun ġiet irtirata u l-ebda talba ġdida ma tkun ġiet ippreżentata fiż-żmien limitu stabbilit fil-punt (i);

(iii) talba għar-ritorn ippreżentata mid-detentur tad-drittijiet ta' kustodja tkun ġiet rifjutata **minn qorti ta' Stat Membru** għal raġunijiet oħra għajr il-**punt (b) tal-**Artikolu 13**(1) jew l-Artikolu 13(2)** tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 **u dik id-deċiżjoni ma għadhiex soġġetta għal appell ordinarju**;

(iv) (…) **l-ebda** qorti (…) **ma ġiet invokata kif imsemmi fl-Artikolu 26a(3) u (5) fl-**Istat Membru fejn il-minuri kien abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali (…);

(v) tkun ingħatat deċiżjoni dwar **id-drittijiet tal-**kustodja, mill-(…)**qrati** tal-Istat Membru fejn il-minuri kien abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali, li ma timplikax ir-ritorn tal-minuri.

Artikolu 10**a**

Għażla tal-qorti (…)[11][12][13]

[11] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"L-obbligi ta' manteniment huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament peress li dawn l-obbligi huma diġà koperti mir-Regolament tal-Kunsill Nru 4/2009. Minbarra l-qrati għall-post fejn jirrisjedu normalment il-konvenut, jew il-kreditur, il-qrati li għandhom il-ġurisdizzjoni f'materji matrimonjali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ġeneralment ikollhom il-ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar l-obbligi ta' manteniment anċillari bejn il-konjuġi jew l-ekskonjuġi billi japplikaw il-punt (c) tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-qrati li għandhom il-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri ikollhom b'mod ġenerali l-ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar l-obbligi ta' manteniment anċillari tal-minuri billi japplikaw il-punt (d) tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament."

[12] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Taħt kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti minn dan ir-Regolament, il-ġurisdizzjoni f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri tista' tiġi stabbilita wkoll fi Stat Membru fejn il-proċedimenti għal divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieġ ikunu pendenti bejn il-ġenituri, jew fi Stat Membru ieħor li miegħu l-minuri jkollu konnessjoni sostanzjali u li l-partijiet ikunu ftehmu dwaru minn qabel, mhux aktar tard minn meta l-qorti tiġi invokata, jew ikunu aċċettaw espressament matul dawk il-proċedimenti, fejn il-liġi ta' dak l-Istat Membru tipprevedi dan, anke jekk il-minuri ma jkunx residenti abitwali f'dak l-Istat Membru, sakemm l-eżerċizzju ta' tali ġurisdizzjoni jkun fl-aħjar interessi tal-minuri.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kwalunkwe persuna għajr il-ġenituri li, skont il-liġi nazzjonali, għandha l-kapaċità ta' parti tal-proċedimenti mibdija mill-ġenituri, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata bħala parti tal-proċedimenti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għalhekk, l-oppożizzjoni minn dik il-parti għall-għażla ta' ġurisdizzjoni li tkun saret mill-ġenituri tal-minuri inkwistjoni, wara d-data li fiha l-qorti tkun ġiet invokata, jenħtieġ li tipprekludi li tiġi stabbilita l-aċċettazzjoni tal-estensjoni tal-ġurisdizzjoni mill-partijiet kollha tal-proċedimenti f'dik id-data."

[13] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Qabel ma teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha abbażi ta' għażla ta' ftehim jew aċċettazzjoni tal-qorti, il-qorti jenħtieġ li teżamina jekk dan il-ftehim jew l-aċċettazzjoni kinitx ibbażata fuq għażla libera u informata tal-partijiet ikkonċernati u li ma kinitx ir-riżultat tal-vantaġġ li tkun ħadet xi parti mis-sitwazzjoni prekarja jew il-pożizzjoni dgħajfa tal-parti l-oħra. L-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni matul il-proċedimenti jenħtieġ li tiġi rrekordjata mill-qorti skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali."

(…)

1. Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni (…) f'**materji ta'** responsabbiltà tal-ġenituri meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-minuri jkollu konnessjoni sostanzjali ma' dak l-Istat Membru, partikolarment bis-saħħa tal-fatt li **tal-inqas** wieħed mid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkun abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru, jew **ikun ir-residenza abitwali preċedenti tal-minuri** jew il-minuri jkun ċittadin ta' dak l-Istat Membru; (...)

(b) il-(…)partijiet (…)**, kif ukoll kwalunkwe detentur ieħor tar-responsabbiltà tal-ġenituri:**

**(i)** **ikunu qablu liberament dwar il-ġurisdizzjoni,** sa mhux aktar tard mill-mument li tiġi invokata l-qorti**;** jew (…)

**(ii)** **ikunu aċċettaw il-ġurisdizzjoni espressament matul dawk il-proċedimenti u l-qorti tkun żgurat li l-partijiet kollha jkunu informati dwar id-dritt tagħhom li ma jaċċettawx il-ġurisdizzjoni**; u

(c) l-**eżerċizzju tal-**ġurisdizzjoni jkun fl-aħjar interessi tal-minuri.

**1a. Ftehim dwar l-għażla tal-qorti msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu jkun espress bil-miktub, datat u ffirmat mill-partijiet ikkonċernati jew jiġi inkluż fir-rekord tal-qorti skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali. Kull komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tipprovdi reġistrazzjoni durabbli tal-ftehim għandha titqies ekwivalenti għall-kitba. Persuni li jsiru partijiet għall-proċedimenti wara li l-qorti tkun ġiet invokata jistgħu jesprimu l-qbil tagħhom wara li l-qorti tkun ġiet invokata. Fin-nuqqas ta' oppożizzjoni tagħhom, il-qbil tagħhom għandu jitqies bħala impliċitu.**

2. **Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-partijiet, il-**ġurisdizzjoni mogħtija fil-paragrafu (...)**1** għandha tieqaf hekk kif**:**

**(a) id-deċiżjoni mogħtija f'dawk il-proċedimenti ma tkunx għadha soġġetta għal appell ordinarju; jew**

**(b)** il-proċedimenti jkunu (…) **ntemmu għal raġuni oħra**.

(…)

**3. Il-ġurisdizzjoni mogħtija fil-punt (b)(ii) tal-paragrafu 1 għandha tkun esklużiva.**

Artikolu 11

Ġurisdizzjoni bbażata fuq (…) il-preżenza **tal-minuri**[14]

1. Meta (…) **r-** residenza abitwali **ta' minuri** ma tistax tiġi stabbilita u l-ġurisdizzjoni ma tistax tiġi ddeterminata abbażi tal-Artikolu 10**a,** il-(…)**qrati** tal-Istat Membru fejn il-minuri jkun preżenti għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni.

2. (…) **Il-ġurisdizzjoni skont** il-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll għal minuri refuġjati jew minuri li huma internazzjonalment spostati minħabba nkwiet li jinqala' (…) fl-**Istat Membru ta' residenza abitwali** tagħhom.

---

[14] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Meta r-residenza abitwali ta' minuri ma tistax tiġi stabbilita u l-ġurisdizzjoni lanqas ma tista' tiġi ddeterminata abbażi ta' ftehim dwar l-għażla tal-qorti, jenħtieġ li l-qrati tal-Istat Membru fejn il-minuri jkun preżenti jkollhom il-ġurisdizzjoni. Din ir-regola dwar il-preżenza għandha tapplika wkoll għal minuri refuġjati u minuri li huma internazzjonalment spostati minħabba inkwiet li jinqala' fl-Istat Membru ta' residenza abitwali tagħhom. Madankollu, fid-dawl ta' dan ir-Regolament b'rabta mal-Artikolu 52(2) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996, jenħtieġ li din ir-regola ta' ġurisdizzjoni tapplika biss għal minuri li kellhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stat Membru qabel l-ispostament. Fejn ir-residenza abitwali tal-minuri qabel l-ispostament kien fi Stat terz, jenħtieġ li tapplika r-regola ta' ġurisdizzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar it-tfal refuġjati u tfal internazzjonalment spostati."

Artikolu (…) **12**

Trasferiment**tal-ġurisdizzjoni** lejn **qorti ta'** Stat Membru **ieħor** (…)[15]

1. (…) **F'ċirkostanzi eċċezzjonali, qorti** ta' Stat Membru li jkollha l-ġurisdizzjoni dwar is-sostanza tal-każ, **fuq applikazzjoni ta' parti jew b'mozzjoni tagħha stess,** jekk (…) **tikkunsidra** li (…) **qorti** ta' Stat Membru ieħor li miegħu l-minuri għandu konnessjoni partikolari tkun f'pożizzjoni aħjar biex (…) **tivvaluta l-** aħjar interessi tal-minuri (…) **fil-każ partikolari,** tista' tissospendi l-proċedimenti jew (…) parti **speċifika** minnhom (…) u (…)**:**

**(a)** **tistabbilixxi limitu ta' żmien għal waħda jew aktar mill-**partijiet biex (…) **jinformaw lill-qorti** ta' dak l-Istat Membru l-ieħor (…) **dwar il-proċedimenti pendenti u l-possibbiltà li l-ġurisdizzjoni tiġi trasferita u biex jintroduċu applikazzjoni quddiem dik il-qorti**; jew

(b) titlob lil (…) **qorti** ta' Stat Membru ieħor biex tassumi l-ġurisdizzjoni skont il-paragrafu (…)**2**.

(…)

[15] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"F'każijiet eċċezzjonali, qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri jaf ma tkunx l-aktar qorti xierqa biex tittratta l-każ. Bħala eċċezzjoni u skont ċerti kondizzjonijiet, jenħtieġ li l-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni tkun tista' – iżda mhija taħt l-ebda obbligu biex tagħmel dan –tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni tagħha f'każ speċifiku għal qorti ta' Stat Membru ieħor jekk din il-qorti tkun f'pożizzjoni aħjar biex tivvaluta l-aħjar interessi tal-minuri fil-każ partikolari. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jenħtieġ li t-trasferiment ta' ġurisdizzjoni f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri, minn qorti ta' Stat Membru, isir biss għal qorti ta' Stat Membru ieħor li miegħu l-minuri jkollu "konnessjoni partikolari", li l-elementi deċiżivi għaliha huma elenkati, b'mod eżawrjenti, f'dan ir-Regolament.

Jenħtieġ li l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni tagħmel it-talba lill-qorti ta' Stat Membru ieħor biss jekk id-deċiżjoni preċedenti tagħha li tissospendi l-proċedimenti u li tagħmel talba għat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni tkun saret finali, fil-każ fejn dik id-deċiżjoni tkun appellabbli skont il-liġi nazzjonali."

**2. Il-qorti tal-Istat Membru l-ieħor, fejn minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri, tista' taċċetta l-ġurisdizzjoni fi żmien sitt ġimgħat minn meta tkun:**

**(a) ġiet invokata skont il-punt (a) tal-paragrafu 1; jew**

**(b) irċeviet it-talba skont il-punt (b) tal-paragrafu 1.**

**Il-qorti invokata fit-tieni lok jew li tkun intalbet taċċetta l-ġurisdizzjoni għandha tinforma lill-qorti invokata fl-ewwel lok mingħajr dewmien. Jekk taċċetta, il-qorti invokata fl-ewwel lok għandha tirrinunzja l-ġurisdizzjoni.**

**3. Jekk il-qorti invokata fl-ewwel lok ma tkunx irċeviet l-aċċettazzjoni tal-ġurisdizzjoni mill-qorti ta' Stat Membru ieħor seba' ġimgħat wara:**

**(a) il-limitu ta' żmien mogħti lill-partijiet biex jintroduċu applikazzjoni quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 1 ikun skada; jew**

**(b) dik il-qorti tkun irċeviet it-talba skont il-punt (b) tal-paragrafu 1;**

**għandha tkompli teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha.**

4. Il-minuri għandu jiġi kkunsidrat li għandu konnessjoni partikolari ma' Stat Membru kif imsemmi fil-paragrafu 1, jekk dak l-Istat Membru:

(a) ikun sar ir-residenza abitwali tal-minuri wara li l-(…)**qorti** msemmija fil-paragrafu 1 tkun ġiet invokata;(…)

(b) ikun ir-residenza abitwali preċedenti tal-minuri; (…)

(c) ikun (…) l-**Istat** (…) taċ-ċittadinanza **tal-minuri**; (…)

(d) ikun ir-residenza abitwali ta' detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri; jew

(e) ikun il-post fejn tinstab il-proprjetà tal-minuri u l-każ jikkonċerna miżuri għall-protezzjoni tal-minuri dwar l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni jew id-disponiment ta' din il-proprjetà.

**5. Meta l-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti tkun ġiet stabbilita skont l-Artikolu 10a, dik il-qorti ma tistax tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni lill-qorti ta' Stat Membru ieħor.**

**Artikolu 12a**

**Talba għat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni minn qorti ta' Stat Membru li ma jkollhiex ġurisdizzjoni**[16]

**1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, jekk qorti ta' Stat Membru li ma jkollhiex il-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament iżda li miegħu l-minuri għandu konnessjoni partikolari skont l-Artikolu 12(4), tqis li qiegħda f'pożizzjoni aħjar biex tivvaluta l-aħjar interessi tal-minuri fil-każ partikolari, tista' titlob trasferiment tal-ġurisdizzjoni mill-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri.**

**2. Il-qorti rikjesta, fejn tqis li minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, dan ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tista' taċċetta li titrasferixxi l-ġurisdizzjoni fi żmien sitt ġimgħat minn meta tirċievi t-talba u għandha tinforma lill-qorti rikjedenti mingħajr dewmien. Il-qorti rikjedenti tista' teżerċita l-ġurisdizzjoni biss jekk it-talba tkun ġiet aċċettata f'dan il-perijodu ta' żmien.**

[16] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Ukoll f'ċirkostanzi eċċezzjonali u meta jitqiesu l-aħjar interessi tal-minuri fil-każ partikolari, qorti ta' Stat Membru li ma jkollhiex ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament, iżda jkollha konnessjoni partikolari mal-minuri f'konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tkun tista' titlob trasferiment tal-ġurisdizzjoni mill-qorti kompetenti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri. Madankollu jenħtieġ li dan ma jkunx permess f'każijiet ta' tneħħija jew żamma illegali tal-minuri. Jenħtieġ li tkun il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest li tidentifika din il-qorti kompetenti speċifika.

Jenħtieġ li t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni, kemm jekk mitlub minn qorti li tixtieq tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni tagħha jew minn qorti li tixtieq tikseb il-ġurisdizzjoni, ikollu effett biss għall-każ partikolari li fih isir. Jenħtieġ li ladarba l-proċedimenti li għalihom ikun intalab u ngħata t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni jaslu fi tmiemhom, it-trasferiment ma jipproduċi l-ebda effett għal proċedimenti futuri."

Artikolu 13

Ġurisdizzjoni residwa

Fejn l-ebda (…) **qorti** ta' Stat Membru ma jkollha l-ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 7 sa 11, il-ġurisdizzjoni għandha tkun determinata, f'kull Stat Membru, mil-liġijiet ta' dak l-Istat Membru.[17]

Artikolu (…)**14**

Miżuri proviżorji, inkluż protettivi, **f'każijiet urġenti**[18]

[17] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"It-terminu "liġijiet ta' dak l-Istat Membru" jenħtieġ li jinkludi l-istrumenti internazzjonali fis-seħħ f'dak l-Istat Membru."

[18] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jimpedixxix lill-qrati ta' Stat Membru li ma jkollhiex ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ milli tieħu miżuri proviżorji, inkluż protettivi, f'każijiet urġenti, fir-rigward tal-persuna jew il-proprjetà ta' minuri preżenti f'dak l-Istat Membru. Dawk il-miżuri ma jenħtieġx li jiġu rikonoxxuti u infurzati f'xi Stat Membru ieħor skont dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' miżuri li ttieħdu biex jimminimizzaw ir-riskju msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

Il-miżuri li ttieħdu biex jimminimizzaw dak ir-riskju jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ sakemm qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri tkun ħadet il-miżuri li tqis adatti.

Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi dan, il-qorti jenħtieġ li tinforma, direttament jew permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali, lill-qorti tal-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament dwar il-miżuri li ttieħdu. Madankollu, li ma tingħatax tali informazzjoni ma jenħtieġx li jkun raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-miżura.

Qorti li jkollha biss ġurisdizzjoni fuq miżuri proviżorji, inkluż protettivi jenħtieġ li, jekk titressaq applikazzjoni quddiemha fuq il-mertu tal-każ, tiddikjara fuq inizjattiva tagħha stess li ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni."

1. F'każijiet urġenti, **anki jekk** il-(…)**qorti ta' Stat Membru ieħor ikollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ, il-qrati** ta' Stat Membru (…) għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni li jieħdu miżuri proviżorji, inkluż protettivi, li **jistgħu jkunu disponibbli skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru** fir-rigward ta' (…)**:**

**(a)minuri li jkunu preżenti f'dak l-Istat Membru; jew**

**(b) proprjetà li tappartjeni lil minuri li tinsab f'dak l-Istat Membru.**

**2.** Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi dan, il-(…)**qorti** li tkun ħadet (…) **dawn** il-miżuri għandha tinforma **mingħajr dewmien** lill-**qorti jew lill-awtorità kompetenti** tal-Istat Membru li jkollha l-ġurisdizzjoni **skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament jew, fejn adatt, kwalunkwe qorti ta' Stat Membru li teżerċita l-ġurisdizzjoni** skont dan ir-Regolament fuq il-mertu tal-każ, direttament **f'konformità mal-Artikolu 67a** jew permezz tal-Awtorit**ajiet** Ċentrali maħtura skont l-Artikolu 60.

**3**. Il-miżuri li ttieħdu skont il-paragrafu 1 ma għandhomx jibqgħu japplikaw malli l-(…)**qorti** tal-Istat Membru li jkollha l-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament fuq il-mertu tal-każ tkun ħadet il-miżuri li tqis adatti.

**Fejn adatt, dik il-qorti tista' tinforma lill-qorti li tkun ħadet miżuri proviżorji, inkluż protettivi, direttament f'konformità mal-Artikolu 67a jew permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali maħtura skont l-Artikolu 60, bid-deċiżjoni tagħha.**

Artikolu 16

Kwistjonijiet inċidentali[19]

**1.** Jekk l-eżitu ta' proċedimenti **f'materja li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament** quddiem (…) **qorti** ta' Stat Membru jiddependi fuq id-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali (…) **marbuta mar-responsabbiltà tal-ġenituri, qorti f' dak l-Istat Membru** tista' tiddetermina dik il-kwistjoni **għall-finijiet ta' dawk il-proċedimenti anke jekk ma jkollhiex ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament**.

**2. Kwalunkwe determinazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tipproduċi biss effetti fil-proċedimenti li tkun saret għalihom.**

---

[19] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Jekk l-eżitu tal-proċedimenti quddiem qorti ta' Stat Membru li ma jkollux ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament jiddependi fuq id-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jimpedixxix lill-qrati ta' dak l-Istat Membru milli jiddeterminaw dik il-kwistjoni. Għaldaqstant, jekk is-suġġett tal-proċedimenti huwa, pereżempju, tilwima dwar suċċessjoni li fiha jkunu involuti l-minuri u jeħtieġ li jinħatar tutur *ad litem* biex jirrappreżenta lill-minuri f'dawk il-proċedimenti, l-Istat Membru li jkollu ġurisdizzjoni għat-tilwima dwar suċċessjoni jenħtieġ li jitħalla jaħtar lit-tutur għall-proċedimenti pendenti quddiemu, irrispettivament minn jekk ikollux ġurisdizzjoni għal materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri skont dan ir-Regolament. Kwalunkwe tali determinazzjoni jenħtieġ li tipproduċi biss effetti fil-proċedimenti li għalihom kienet saret.

Fejn il-validità ta' att legali mwettaq jew li għandu jitwettaq f'isem minuri fi proċedimenti dwar suċċessjoni quddiem qorti ta' Stat Membru tirrikjedi permess jew approvazzjoni minn qorti, dak l-Istat Membru jenħtieġ li jitħalla jiddeċiedi jekk jippermettix jew japprovax tali att legali anke jekk ma jkollux il-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament. It-terminu "att legali" jenħtieġ li jinkludi, pereżempju, l-aċċettazzjoni jew iċ-ċaħda ta' wirt jew ftehim bejn il-partijiet dwar il-kondiviżjoni jew id-distribuzzjoni tal-patrimonju."

**3. Jekk il-validità ta' att legali mwettaq jew li għandu jitwettaq f'isem minuri fi proċedimenti dwar suċċessjoni quddiem qorti ta' Stat Membru tirrikjedi permess jew approvazzjoni minn qorti, qorti f'dak l-Istat Membru tista' tiddeċiedi jekk tippermettix jew tapprovax tali att legali anke jekk ma jkollhiex ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament.**

**4. L-Artikolu 14(2) għandu japplika skont dan.**

TAQSIMA 3

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 15

Invokazzjoni ta' qorti[20]

[20] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Dan ir-Regolament jiddefinixxi f'liema mument qorti titqies li tiġi invokata għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl taż-żewġ sistemi differenti li jeżistu fl-Istati Membri, li jew jirrikjedu li l-att promotur li għandu jiġi notifikat l-ewwel lill-konvenut, inkella li l-ewwel jiġi ppreżentat lill-qorti, jenħtieġ li jkun biżżejjed li jkun ittieħed l-ewwel pass skont il-liġi nazzjonali, dment li l-applikant ma jkunx sussegwentement naqas milli jieħu xi passi li kien meħtieġ jieħu skont il-liġi nazzjonali sabiex ikollu t-tieni pass effetwat.

Filwaqt li tieħu kont tal-importanza li qed tikber tal-medjazzjoni u metodi oħra ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, anke matul proċedimenti tal-qorti, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, qorti jenħtieġ li titqies ukoll li ġiet invokata fil-mument meta l-att promotur jew dokument ekwivalenti jiġi ppreżentat lill-qorti f'każijiet fejn il-proċedimenti sadanittant ikunu ġew sospiżi, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni amikevoli, fuq it-talba tal-applikant li għamel ir-rikors, mingħajr ma l-att promotur ikun għadu ġie notifikat lill-konvenut u mingħajr ma dik il-parti jkollha għarfien dwar il-proċedimenti jew tkun ipparteċipat fihom b'xi mod, dment li l-applikant ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu xi pass li kien meħtieġ jieħu sabiex issir in-notifika fuq il-konvenut.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ ta' *lis pendens*, id-data li fiha tkun ġiet ippreżentata proċedura obbligatorja ta' konċiljazzjoni quddiem awtorità nazzjonali ta' konċiljazzjoni jenħtieġ li titqies bħala d-data li fiha "qorti" titqies li ġiet invokata."

Qorti għandha titqies li ġiet invokata:

(a) fil-mument li l-att promotur jew dokument ekwivalenti jiġi ppreżentat lill-qorti, dment li l-applikant sussegwentement ma jkunx naqas milli jieħu l-passi li kien meħtieġ jieħu sabiex issir in-notifika fuq il-konvenut;

(b) jekk id-dokument ikollu jiġi nnotifikat qabel ma jiġi ppreżentat lill-qorti, fil-mument li jasal għand l-awtorità responsabbli għas-servizz, dment li l-applikant sussegwentement ma jkunx naqas milli jieħu l-passi li kien meħtieġ jieħu biex id-dokument jiġi ppreżentat lill-qorti; jew

**(c) jekk il-proċedimenti jinfetħu b'mozzjoni tal-qorti stess, fil-mument li l-qorti tiddeċiedi li tiftaħ il-proċedimenti, jew, fejn tali deċiżjoni ma tkunx meħtieġa, fil-mument meta l-kawża tiġi rreġistrata mill-qorti.**

Artikolu 17

Eżami skont il-ġurisdizzjoni[21]

Fejn (…) **qorti** ta' Stat Membru tiġi invokata b'kawża li ma jkollha ebda ġurisdizzjoni **fuq il-mertu tal-każ** skont dan ir-Regolament u li (…) **qorti** ta' Stat Membru ieħor ikollha ġurisdizzjoni (…) **fuq il-mertu tal-każ skont** dan ir-Regolament, din għandha tiddikjara b'mozzjoni tagħha stess li ma għandha ebda ġurisdizzjoni.

[21] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Qorti ta' Stat Membru li tiġi invokata li ma jkollha ebda ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament u li qorti ta' Stat Membru ieħor ikollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiddikjara b'mozzjoni tagħha stess li ma għandha ebda ġurisdizzjoni. Madankollu, din il-qorti jenħtieġ li jkollha d-diskrezzjoni li titlob trasferiment tal-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament iżda mhux obbligu li tagħmel dan."

Artikolu 18

Eżami skont l-ammissibbiltà

1. Fejn ma jidhirx konvenut abitwalment residenti fi Stat li ma jkunx l-Istat Membru fejn sar ir-rikors, il-qorti b'ġurisdizzjoni għandha żżomm il-proċedimenti sakemm ma jkunx jista' jiġi ppruvat li l-konvenut kellu l-possibbiltà li jirċievi l-att promotur jew dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti li jippermettilu jirranġa għad-difiża tiegħu, jew li l-passi meħtieġ kollha jkunu ttieħdu għal dan il-għan.

2. L-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 għandu japplika minflok il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk l-att promotur jew dokument ekwivalenti kellu jintbagħat minn Stat Membru wieħed għall-ieħor skont dak ir-Regolament.

3. Fejn ma japplikax ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007, l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-notifika barra l-pajjiż ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali għandu japplikaw jekk l-att promotur jew dokument ekwivalenti kellu jintbagħat barra l-pajjiż skont dik il-Konvenzjoni.

Artikolu 19

*Lis pendens* u azzjonijiet dipendenti[22]

1. Fejn (…) **tittieħed** azzjoni legali b'rabta ma' divorzju, separazzjoni legali jew annullament ta' żwieġ bejn l-istess partijiet quddiem (…) **qrati** ta' Stati Membri differenti, il-(…)**qorti** li tiġi invokata fit-tieni lok għandha b'mozzjoni tagħha stess tissospendi l-proċedimenti tagħha sa tali mument li tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-(…)**qorti** li tiġi invokata fl-ewwel lok.

2. Fejn (…) **tittieħed** azzjoni legali b'rabta ma' responsabbiltà tal-ġenituri relatati mal-istess minuri u li tinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni quddiem (…) **qrati** ta' Stati Membri differenti, il-(…)**qorti** li tiġi invokata fit-tieni lok għandha b'mozzjoni tagħha stess tissospendi l-proċedimenti tagħha sa tali mument li tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-(…)**qorti** li tiġi invokata fl-ewwel lok. **Dan ma japplikax fejn il-ġurisdizzjoni ta' waħda mill-qrati tkun ibbażata biss fuq l-Artikolu 14.**

3. Fejn tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-(…)**qorti** li tiġi invokata fl-ewwel lok, il-(…)**qorti** li tiġi invokata fit-tieni lok għandha ċċedi l-ġurisdizzjoni favur dik il-(…)**qorti**.

F'dak il-każ, il-parti li (…) **tkun għamlet** ir-rikors rilevanti quddiem il-(…)**qorti** li tiġi invokata fit-tieni lok, tista' tressaq dawk il-proċedimenti quddiem il-(…)**qorti** li tiġi invokata fl-ewwel lok.

**4. Meta tiġi invokata qorti ta' Stat Membru li lilha tingħata ġurisdizzjoni esklużiva minn aċċettazzjoni ta' ġurisdizzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10a, kwalunkwe qorti ta' Stat Membru ieħor għandha tissospendi l-proċedimenti sa dak iż-żmien meta l-qorti invokata abbażi tal-aċċettazzjoni tiddikjara li ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni taħt l-aċċettazzjoni.**

**5. Meta u sa fejn il-qorti aċċettata tkun stabbilixxiet ġurisdizzjoni esklużiva f'konformità mal-aċċettazzjoni, kwalunkwe qorti ta' Stat Membru ieħor għandha tirrinunzja l-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti.**

---

22 Ara l-Premessa proposta fin-nota 20 f'qiegħ il-paġna.

Artikolu 20

Dritt tal-minuri li jesprimu l-ideat tagħhom[23]

1. Meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom skont it-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu, il-(…)**qrati** tal-Istati Membri għandhom, (…)**, f'konformità mal-liġi u l-proċedura nazzjonali,**[24] **jagħtu lill-**minuri li jkunu kapaċi jifformaw l-ideat tagħhom stess (…) opportunità ġenwina u effettiva li jesprimu (…) l-ideat **tagħhom** (…)**, direttament, jew permezz ta' rappreżentant jew korp adatt.**

**2. Fejn il-qorti, f'konformità mal-liġi u l-proċedura nazzjonali, tagħti lil minuri opportunità li jesprimu l-ideat tagħhom f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-qorti** (…) għandha tagħti l-piż dovut (…) lill-ideat **tal-minuri** f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom (…).

---

23 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Il-proċedimenti f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri skont dan ir-Regolament kif ukoll proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 jenħtieġ li, bħala prinċipju bażiku, jipprovdu lill-minuri li huma soġġetti għal dawk il-proċedimenti u li huma kapaċi jifformaw l-ideat tagħhom, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, opportunità ġenwina u effettiva biex jesprimu l-ideat tagħhom, u meta jiġu vvalutati l-aħjar interessi tal-minuri, jenħtieġ li jingħata l-piż dovut lil dawk l-ideat. L-opportunità tal-minuri biex jesprimu liberament l-ideat tagħhom f'konformità mal-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fid-dawl tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal jaqdi rwol importanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-Regolament għandu jħalli f'idejn il-liġi u l-proċedura nazzjonali tal-Istati Membri biex jiġi ddeterminat min ser jisma' lill-minuri u kif il-minuri għandhom jinstemgħu. Konsegwentement, dan ir-Regolament mhuwiex maħsub biex jistabbilixxi jekk jenħtieġx li l-minuri jinstemgħu mill-imħallef direttament jew minn espert imħarreġ apposta li mbagħad jirrapporta lill-qorti, jew jekk jenħtieġx li l-minuri jinstemgħu fl-awla tal-qorti jew f'post ieħor jew b'mezzi oħrajn. Barra minn hekk, filwaqt li jibqa' dritt tal-minuri, is-smigħ tal-minuri ma jistax jikkostitwixxi obbligu assolut, iżda għandu jiġi vvalutat b'kont meħud tal-aħjar interessi tal-minuri, pereżempju f'każijiet li jinvolvu ftehimiet bejn il-partijiet."

24 Ara l-Premessa proposta fin-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

KAPITOLU III

SEKWESTRU **INTERNAZZJONALI** TA' MINURI[25]

Artikolu 21

Ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980

Fejn persuna, istituzzjoni jew korp ieħor li jallega ksur tad-drittijiet ta' kustodja japplika**, direttament jew bl-assistenza ta' Awtorità Ċentrali,** lill-qorti fi Stat Membru għal deċiżjoni fuq il-bażi tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-**1980** (…) li tordna r-ritorn ta' minuri **taħt is-16-il sena** li jkunu tneħħew jew inżammu illegalment fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali, l-Artikoli (…)**21a** sa 26**a u l-Kapitolu VI** għandhom japplikaw **u jikkumplementaw il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980**.

25 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Sabiex jikkonkludu l-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 kemm jista' jkun malajr, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'koerenza mal-istruttura tal-qrati nazzjonali tagħhom, jikkunsidraw li jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għal dawk il-proċedimenti f'għadd kemm jista' jkun limitat ta' qrati. Il-ġurisdizzjoni għal każijiet ta' sekwestru ta' minuri tista' tkun ikkonċentrata f'qorti waħda għall-pajjiż kollu jew f'għadd limitat ta' qrati, bl-użu, pereżempju, tal-għadd ta' qrati tal-appell bħala punt tat-tluq u l-ġurisdizzjoni għal każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri tkun ikkonċentrata f'qorti ġenerali waħda f'kull distrett ta' qorti tal-appell."

**Artikolu 21a**

**Wasla u pproċessar ta' applikazzjonijiet minn Awtoritajiet Ċentrali**

**1. L-Awtorità Ċentrali rikjesta għandha taġixxi malajr fl-ipproċessar ta' applikazzjoni abbażi tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 imsemmija fl-Artikolu 21.**

**2. Fejn l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru rikjest tirċievi l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 21, hija għandha, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni, tirrikonoxxi li rċevietha. Hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinforma lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru rikjedenti jew lill-applikant, kif adatt, liema passi inizjali ttieħdu jew ser jittieħdu biex jittrattaw l-applikazzjoni, u tista' titlob kwalunkwe dokument jew informazzjoni ulterjorment meħtieġa.**

(…)

Artikolu 23

Proċedimenti rapidi tal-**qorti** (…)[26]

---

[26] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Il-qrati ta' kull istanza jenħtieġ li jagħtu d-deċiżjoni tagħhom fi żmien sitt ġimgħat, ħlief fejn ċirkostanzi eċċezzjonali ma jippermettux dan. Jenħtieġ li l-fatt li jintużaw mezzi oħra ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim bħala tali ma jitqiesx bħala ċirkostanza eċċezzjonali li tippermetti li jinqabeż il-perijodu ta' żmien. Madankollu, ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu jinqalgħu waqt l-użu ta' tali mezzi jew bħala riżultat tagħhom. Għal qorti ġenerali, il-perijodu ta' żmien jenħtieġ li jibda fil-mument li tiġi invokata l-qorti. Għal qorti ta' istanza ogħla, jenħtieġ li jibda fil-mument li jkunu ttieħdu l-passi proċedurali meħtieġa kollha. Tali passi jistgħu jinkludu, skont is-sistema legali kkonċernata, notifika tal-appell lill-konvenut, fl-Istat Membru fejn tinsab il-qorti jew fi Stat Membru ieħor, trasmissjoni tal-fajl u l-appell lill-qorti tal-appell fl-Istati Membri fejn l-appell jeħtieġ li jiġi ppreżentat lill-qorti li d-deċiżjoni tagħha tkun appellata, jew applikazzjoni minn parti biex tiġi konvokata seduta fejn tali applikazzjoni tinħtieġ skont il-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw ukoll li jillimitaw l-għadd ta' appelli possibbli kontra deċiżjoni li tagħti jew tirrifjuta r-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-Ħtif ta' Minuri għal appell wieħed."

1. Qorti li tirċievi applikazzjoni għar-ritorn ta' minuri msemmija fl-Artikolu 21 għandha taġixxi b'mod rapidu fil-proċedimenti dwar l-applikazzjoni, billi tuża l-aktar proċeduri rapidi disponibbli skont il-liġi nazzjonali.

**2.** Mingħajr preġudizzju (…) għall-**paragrafu 1, qorti ġenerali** għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li (…) **tiġi** (…) **invokata**, ħlief fejn ċirkostanzi eċċezzjonali ma jippermettux dan.

(…)

**3. Ħlief fejn ċirkostanzi eċċezzjonali ma jippermettux dan, qorti ta' istanza ogħla għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jkunu ttieħdu l-passi proċedurali meħtieġa kollha u l-qorti tkun f'pożizzjoni li teżamina l-appell, jew permezz ta' seduta jew b'xi mod ieħor.**

**Artikolu 23a**

**Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim[27]**

**Kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti, il-qorti direttament jew, fejn adatt, bl-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali, għandha tistieden lill-partijiet biex jikkunsidraw jekk humiex lesti li jimpenjaw ruħhom fil-medjazzjoni jew mezzi oħra ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, ħlief jekk dan ma imur kontra l-aħjar interessi tal-minuri, ma jkunx adatt fil-każ partikolari jew jekk dan idewwem bla bżonn il-proċedimenti.**

Artikolu 24

(…) **Dritt** tal-minuri (…) **li jesprimu l-ideat tagħhom fil-proċedimenti ta' ritorn**

(…) **L-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament għandu japplika wkoll fil-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980**.

---

27 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Fil-każijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri, u b'mod partikulari f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, il-qrati jenħtieġ li jqisu l-possibbiltà li jiksbu soluzzjonijiet permezz tal-medjazzjoni u mezzi adatti oħra, assistiti, fejn adatt, min-netwerks u l-istrutturi ta' appoġġ eżistenti għal medjazzjoni f'tilwim transfruntier dwar responsabbiltà tal-ġenituri. Madankollu jenħtieġ li tali sforzi ma jtawlux bla bżonn il-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Barra minn hekk, il-medjazzjoni tista' mhux dejjem tkun adatta, b'mod speċjali f'każijiet ta' vjolenza domestika.

Fejn matul il-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, il-ġenituri jilħqu ftehim dwar ir-ritorn jew in-nonritorn tal-minuri iżda wkoll dwar materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri, jenħtieġ li dan ir-Regolament, taħt ċerti ċirkostanzi, tagħmilha possibbli għalihom li jaqblu li l-qorti invokata skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 jenħtieġ li jkollha l-ġurisdizzjoni li tagħti effett legali vinkolanti lill-ftehim tagħhom, billi tinkorporah f'deċiżjoni, tapprovah jew billi tuża kwalunkwe forma oħra prevista mil-liġi u l-proċedura nazzjonali. Għalhekk, l-Istati Membri li jkollhom ġurisdizzjoni konċentrata jenħtieġ li jqisu li jippermettu lill-qorti li tiġi invokata bil-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 teżerċita wkoll il-ġurisdizzjoni miftehma mill-partijiet skont dan ir-Regolament f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri fejn il-ftehim tal-partijiet ikun intlaħaq matul dawk il-proċedimenti ta' ritorn."

Artikolu 25

Proċedura għar-ritorn ta' minuri[28]

[28] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Il-qorti tal-Istat Membru li lejh jew minnu l-minuri tneħħew jew inżammu inġustament, jenħtieġ li tkun tista' tirrifjuta r-ritorn f'każijiet speċifiċi, debitament ġustifikati, kif permess mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Qabel ma tagħmel dan, jenħtieġ li tqis jekk iddaħħlux fis-seħħ jew setgħux ittieħdu miżuri adatti ta' protezzjoni biex jeliminaw xi riskju għall-aħjar interessi tal-minuri li jista' jipprevjeni r-ritorn skont il-punt (b) tal-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

Fejn qorti tqis li tirrifjuta r-ritorn ta' minuri unikament fuq il-bażi tal-punt (b) tal-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, jenħtieġ li ma tirrifjutax ir-ritorn tal-minuri jekk il-parti li qed titlob ir-ritorn tal-minuri tissodisfa lill-qorti, jew il-qorti tkun ssodisfata mod ieħor, li jkunu saru arranġamenti adegwati biex jassiguraw il-protezzjoni tal-minuri wara r-ritorn tagħhom. Eżempji għal tali arranġamenti jistgħu jinkludu digriet tal-qorti minn dak l-Istat Membru li jipprojbixxi lill-applikant milli javviċina lill-minuri, miżura proviżorja jew protettiva, minn dak l-Istat Membru li tippermetti lill-minuri joqogħdu mal-ġenitur li jaħtaf li jkun il-kustodju primarju sakemm tingħata deċiżjoni dwar is-sustanza tal-kustodju f'dak l-Istat Membru wara r-ritorn, jew it-turija ta' faċilitajiet mediċi disponibbli għal minuri fil-bżonn ta' trattament. L-għażla tat-tip ta' arranġament li jkun adegwat fil-każ partikolari jenħtieġ li tiddependi mir-riskju konkret li għalih x'aktarx ikunu esposti l-minuri f'każ ta' ritorn mingħajr tali arranġamenti. Il-qorti li tfittex tistabbilixxi jekk ikunux saru arranġamenti adegwati jenħtieġ li primarjament toqgħod fuq il-partijiet u, fejn meħtieġ u adatt, titlob l-assistenza ta' Awtoritajiet Ċentrali jew imħallfin tan-netwerk, b'mod partikolari fin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali u n-Netwerk Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Aja.

Barra minn hekk, il-qorti tista', f'każijiet adatti, tordna kwalunkwe miżura proviżorja jew protettiva meħtieġa skont dan ir-Regolament biex timminimizza r-riskju ta' dannu fiżiku jew psikoloġiku għall-minuri involuti fir-ritorn li mod ieħor iwassal għal rifjut tar-ritorn. Tali miżuri proviżorji u ċ-ċirkolazzjoni tagħhom jenħtieġ li ma jdewmux il-proċedimenti ta' ritorn tal-Aja jew jimminaw id-delimitazzjoni tal-ġurisdizzjoni bejn il-qorti invokata għall-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u l-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni dwar is-sustanza tar-responsabbiltà tal-ġenituri skont dan ir-Regolament. Jekk meħtieġ, jenħtieġ li tikkonsulta mal-qorti jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru tar-residenza abitwali tal-minuri, bl-assistenza ta' Awtoritajiet Ċentrali jew imħallfin tan-netwerks, b'mod partikolari fin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali u n-Netwerk Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Aja. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti u infurzati fl-Istati Membri l-oħra kollha inkluż l-Istati Membri li jkollhom ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament sakemm qorti kompetenti ta' tali Stat Membru tkun ħadet il-miżuri li tqis adatti. Tali miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, li l-minuri jkomplu jirrisjedu ma' min għandu r-responsabbiltà ewlenija biex jieħu ħsiebhom jew il-mod li bih il-kuntatt mal-minuri jenħtieġ li jseħħ wara r-ritorn sakemm il-qorti tar-residenza abitwali tal-minuri tkun ħadet il-miżuri li tqis adatti. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura jew deċiżjoni tal-qorti tar-residenza abitwali tal-minuri wara r-ritorn tagħhom."

1. Qorti ma tistax tirrifjuta r-ritorn ta' minuri **jekk il-persuna li qed titlob ir-ritorn tal-minuri ma tkunx ingħatat l-opportunità li tinstema'.**

**1a. Il-qorti tista' teżamina fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti, f'konformità mal-Artikolu 14, jekk jenħtieġx li jiġi żgurat il-kuntatt bejn il-minuri u l-persuna li qed titlob ir-ritorn tal-minuri, filwaqt li tieħu kont tal-aħjar interessi tal-minuri.**

**2. Fejn qorti tqis li tirrifjuta ritorn ta' minuri biss** fuq il-bażi tal-punt (b) tal-(…) Artikolu 13**(1)** tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980**, hija ma tistax tirrifjuta r-ritorn tal-minuri** jekk (…) **il-parti li titlob ir-ritorn tal-minuri tissodisfa lill-qorti billi tipprovdi evidenza suffiċjenti, jew il-qorti tkun issodisfata mod ieħor,** li jkunu saru arranġamenti adegwati biex tiġi assigurata l-protezzjoni tal-minuri wara r-ritorn tagħhom.

**3.** (…) **Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-**qorti (…) **tista' tikkomunika** mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali, direttament **f'konformità mal-Artikolu 67a jew** bl-assistenza ta' Awtoritajiet Ċentrali (…).

**4. Fejn adatt, meta tordna r-ritorn tal-minuri l-qorti tista'** (…) tieħu miżuri proviżorji, inkluż dawk protettivi, f'konformità mal-Artikolu (…) **14** ta' dan ir-Regolament (…) **sabiex il-minuri jiġu protetti mir-riskju gravi msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, dment li l-eżaminar u t-teħid ta' tali miżuri ma jdewmux bla bżonn il-proċedimenti ta' ritorn**.

(…)

**5.** (…) Deċiżjoni li tordna r-ritorn tal-minuri **tista' tiġi ddikjarata** infurzabbli proviżorjament, minkejja xi appell (…)**, fejn ir-ritorn tal-minuri qabel ma tkun meħtieġa d-deċiżjoni dwar l-appell tkun meħtieġa fl-aħjar interessi tal-minuri.**[29]

(…)

**Artikolu 25a**

**Infurzar ta' deċiżjonijiet li jordnaw ir-ritorn ta' minuri**

**1. Awtorità kompetenti tal-infurzar li lilha tkun saret applikazzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni li tordna r-ritorn ta' minuri għal Stat Membru ieħor, għandha taġixxi b'mod rapidu fl-ipproċessar tal-applikazzjoni.**

**2. Fejn id-deċiżjoni ma tkunx ġiet infurzata fi żmien sitt ġimgħat wara li nbdew il-proċedimenti ta' infurzar, il-parti li tfittex l-infurzar jew l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru tal-infurzar għandu jkollha d-dritt li titlob dikjarazzjoni tar-raġunijiet għad-dewmien mill-awtorità ta' infurzar.**

(…)

[29] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Il-liġi nazzjonali tista' tispeċifika b'liema qorti d-deċiżjoni tkun tista' tiġi ddikjarata infurzabbli proviżorjament".

## Artikolu 26a

## Proċedura wara rifjut ta' ritorn tal-minuri skont il-punt (b) tal-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 13(2) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980[30]

[30] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Fejn il-qorti tal-Istat Membru li lejh jew li fih il-minuri jkunu tneħħew jew inżammu illegalment tiddeċiedi li tirrifjuta r-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, fid-deċiżjoni tagħha jenħtieġ li tirreferi b'mod espliċitu għall-artikoli rilevanti tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li fuqhom ġie bbażat ir-rifjut. Irrispettivament minn jekk tali deċiżjoni ta' rifjut tkunx finali jew għadhiex soġġett għal appell, din tista' tiġi sostitwita minn deċiżjoni sussegwenti, mogħtija fi proċedimenti tal-kustodja mill-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abittwali tal-minuri qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali. Matul dawn il-proċedimenti, iċ-ċirkostanzi kollha jenħtieġ li jiġu eżaminati bir-reqqa, b'kont meħud tal-aħjar interessi tal-minuri u inkluż l-imġiba tal-ġenituri iżda mhux limitat għaliha. Jekk id-deċiżjoni dwar il-merti tad-drittijiet ta' kustodja li tirriżulta minn dan tobbliga r-ritorn tal-minuri, ir-ritorn jenħtieġ li jseħħ mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' dik id-deċiżjoni fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Il-qorti li tirrifjuta r-ritorn tal-minuri jenħtieġ li, b'mozzjoni tagħha stess, toħroġ ċertifikat billi tuża l-forma adatta stabbilita f'dan ir-Regolament. L-għan ta' dan iċ-ċertifikat huwa li jinforma lill-partijiet bil-possibbiltà li tiġi invokata qorti fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali, fi żmien tliet xhur min-notifika tad-deċiżjoni li tirrifjuta r-ritorn tal-minuri, b'applikazzjonijiet dwar is-sustanza tad-drittijiet ta' kustodja. Huwa jinforma wkoll dwar il-fatt li kwalunkwe deċiżjoni li tirriżulta minn tali proċedimenti li tobbliga r-ritorn tal-minuri tkun infurzabbli fi kwalunkwe Stat Membru ieħor f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Fejn proċedimenti dwar is-sustanza tad-drittijiet ta' kustodja diġà jkunu pendenti fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali fil-mument li qorti invokata b'applikazzjoni ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tirrifjuta r-ritorn tal-minuri biss fuq il-bażi tal-punt (b) tal-Artikolu 13(1), jew tal-Artikolu 13(2), tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, il-qorti li rrifjutat ir-ritorn tal-minuri jenħtieġ li tibgħat ukoll kopja tad-deċiżjoni tagħha, iċ-ċertifikat adatt u traskrizzjoni, sommarju jew minuti tas-seduta kif ukoll kwalunkwe dokument ieħor li tqis rilevanti lill-qorti li tiġi konvokata għall-proċedimenti dwar id-drittijiet ta'kustodja. It-terminu "kwalunkwe dokument ieħor li tqis rilevanti" jenħtieġ li jirreferi għal kwalunkwe dokument li jkun fih informazzjoni li jista' jkollha influwenza fuq l-eżitu tal-proċedimenti b'rabta mad-drittijiet ta' kustodja, jekk tali informazzjoni ma tkunx diġà tinsab fid-deċiżjoni li tirrifjuta r-ritorn stess.

Fejn ma jkun għadu pendenti ebda proċediment dwar is-sustanza tad-drittijiet ta' kustodja fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma inġusta u parti tinvoka qorti ta' dak l-Istat Membru wara li tkun waslet l-informazzjoni mill-qorti li rrifjutat ir-ritorn tal-minuri, jenħtieġ li dik il-parti tippreżenta lill-qorti invokata bl-applikazzjoni dwar is-sustanza tad-drittijiet ta' kustodja, kopja tad-deċiżjoni li tirrifjuta r-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, iċ-ċertifikat adatt u traskrizzjoni, sommarju jew minuti tas-seduta. Dan ma jipprekludix lill-qorti invokata milli titlob kwalunkwe dokument addizzjonali li tqis rilevanti, li jkun fih informazzjoni li jista' jkollha influwenza fuq l-eżitu tal-proċedimenti b'rabta mad-drittijiet ta' kustodja, jekk tali informazzjoni ma tkunx diġà tinsab fid-deċiżjoni li tirrifjuta r-ritorn stess."

**1. Dan l-Artikolu għandu japplika fejn deċiżjoni li tirrifjuta r-ritorn ta' minuri għal Stat Membru ieħor tkun ibbażata biss fuq il-punt (b) tal-Artikolu 13(1), jew fuq l-Artikolu 13(2), tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.**

**2. Il-qorti li tieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha, b'mozzjoni tagħha stess, toħroġ ċertifikat billi tuża l-forma li tinsab fl-Anness [X]. Iċ-ċertifikat għandu jiġi ffinalizzat u jinħareġ fil-lingwa tad-deċiżjoni. Iċ-ċertifikat jista' jinħareġ ukoll b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea mitluba minn xi parti. Dan ma joħloq ebda obbligu għall-qorti li toħroġ iċ-ċertifikat li tipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni ta' [il-kontenut rilevanti].**

**3. Jekk, fil-mument li l-qorti tagħti d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, qorti fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali tkun diġà ġiet invokata bi proċedimenti biex teżamina s-sustanza tad-drittijiet ta' kustodja, il-qorti, jekk tkun taf b'dawn il-proċedimenti, għandha, fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, tibgħat lill-qorti ta' dak l-Istat Membru, direttament jew permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali d-dokumenti li ġejjin:**

**(a) kopja tad-deċiżjoni tagħha;**

**(b) iċ-ċertifikat maħruġ skont il-paragrafu 2; u**

**(c) fejn applikabbli, traskrizzjoni, sommarju jew minuti tas-seduti quddiem il-qorti u kwalunkwe dokument ieħor li tqis rilevanti.**

**4. Il-qorti fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali tista', fejn meħtieġ, tirrikjedi li parti tipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 69, tad-deċiżjoni u kwalunkwe dokument ieħor mehmuż maċ-ċertifikat f'konformità mal-punt (c) tal-paragrafu 3.**

**5. Jekk, f'każijiet oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 3, fi żmien tliet xhur tan-notifika tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, waħda mill-partijiet tinvoka qorti fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali sabiex il-qorti teżamina s-sustanza tad-drittijiet ta' kustodja,[31] dik il-parti għandha tippreżenta d-dokumenti li ġejjin lill-qorti:**

**(a) kopja tad-deċiżjoni;**

**(b) iċ-ċertifikat maħruġ skont il-paragrafu 2; u**

**(c) fejn applikabbli, traskrizzjoni, sommarju jew minuti tas-seduti quddiem il-qorti li rrifjutat ir-ritorn tal-minuri.**

**6. Minkejja deċiżjoni ta' nonritorn imsemmi fil-paragrafu 1, kwalunkwe deċiżjoni dwar is-sustanza tad-drittijiet ta' kustodja li tirriżulta mill-proċedimenti msemmija fil-paragrafi 3 u 5 li tinkludi r-ritorn tal-minuri, għandha tkun infurzabbli fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament.**

[31] Ara l-Artikolu 47l(4) li jiddikjara li ċ-ċertifikat li jiskatta l-mekkaniżmu prevalenti "għandu jinħareġ biss jekk, meta tagħti d-deċiżjoni tagħha, il-qorti tkun ħadet kont tar-raġunijiet u l-fatti sottostanti tad-deċiżjoni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor skont il-punt (b) tal-Artikolu 13(1), jew l-Artikolu 13(2), tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980".

KAPITOLU IV

RIKONOXXIMENT U INFURZAR

TAQSIMA 1

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR** IR-RIKONOXXIMENT **U L-INFURZAR**

**Subtaqsima 1**

**Rikonoxximent**

## Artikolu 27

## Rikonoxximent ta' deċiżjoni[32]

---

[32] Għandhom jiżdiedu żewġ Premessi skont dan li ġej:

(R1) "Il-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni tiġġustifika l-prinċipju li deċiżjonijiet f'materji matrimonjali jew f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri mogħtija fi Stat Membru jenħtieġ li jkunu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtieġa għal ebda proċedura ta' rikonoxximent. B'mod partikolari, meta ppreżentati b'deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor u li tagħti divorzju, separazzjoni legali jew l-annullament ta' żwieġ li ma tistax tiġi kkontestata iżjed ġewwa l-Istat Membru tal-oriġini, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rikjest jenħtieġ li jirrikonoxxu d-deċiżjoni b' leġittimità mingħajr ma tkun neċessarja ebda proċedura speċjali u jaġġornaw ir-reġistri tal-istat ċivili tagħhom skont dan. Bħalma huwa l-każ fir-Regolament attwali, huwa f'idejn il-liġi nazzjonali li tiddeċiedi jekk dawn ir-raġunijiet jistgħux jitqajmu minn parti jew ex officio kif previst mil-liġi nazzjonali. Dan ma jipprekludi lil ebda parti interessata milli tapplika, skont dan ir-Regolament, għal deċiżjoni li ma hemm ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jkun fuq il-bażi tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn issir tali applikazzjoni li jiġi ddeterminat min jista' jitqies parti interessata intitolata li tagħmel tali applikazzjoni."

(R2) "Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni jenħtieġ li jiġi rrifjutat biss jekk raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent waħda jew aktar kif previst f'dan ir-Regolament ikunu preżenti. Ir-raġunijiet għal rifjut ta' rikonoxximent elenkati f'dan ir-Regolament huma eżawrjenti u r-raġunijiet li ma jissemmewx hawn, bħal, pereżempju, ksur tar-regola *lis pendens*, ma jistgħux jiġu invokati bħala raġunijiet għal rifjut. Fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, deċiżjoni aktar reċenti dejjem tieħu preċedenza fuq deċiżjoni aktar bikrija b'effett għall-futur sa fejn ma jkunux rikonċiljabbli. B'rabta mal-opportunità mogħtija lil minuri biex jesprimi l-fehmiet tiegħu, ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni ma jistax jiġi rrifjutat għar-raġuni unika li l-qorti tal-oriġini użat metodu differenti biex tisma' lill-minuri minn dak li kieku tuża qorti fl-Istat Membru tar-rikonoxximent, għax jenħtieġ li jkun f'idejn il-qorti ta' oriġini li tiddeċiedi dwar il-metodu xieraq.

Filwaqt li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, mhuwiex rekwiżit tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u ta' dan ir-Regolament li l-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini tieħu l-fehmiet tal-minuri f'kull kawża permezz ta' smigħ, u li dik il-qorti għaldaqstant iżżomm livell ta' diskrezzjoni, il-ġurisprudenza tipprevedi wkoll li, fejn dik il-qorti tiddeċiedi li tipprovdi l-opportunità biex il-minuri jinstemgħu, il-qorti meħtieġa tieħu l-miżuri kollha li huma xierqa għall-arranġament ta' dan is-smigħ, filwaqt li tqis l-aħjar interessi tal-minuri u ċ-ċirkostanzi ta' kull kawża individwali, sabiex tiżgura l-effettività ta' dawk id-dispożizzjonijiet, u biex toffri opportunità ġenwina u effettiva lill-minuri biex jesprimu l-fehmiet tagħhom. Jenħtieġ li l-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini, sa fejn possibbli u filwaqt li dejjem tqis l-aħjar interessi tal-minuri, tuża l-mezzi kollha disponibbli għaliha skont il-liġi nazzjonali kif ukoll l-istrumenti speċifiċi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, fosthom, meta jkun xieraq, dawk previsti mir-Regolament Nru 1206/2001.

L-Istat Membru fejn jintalab rikonoxximent jenħtieġ li ma jirrifjutax ir-rikonoxximent fejn tapplika waħda mill-eċċezzjonijiet minn din ir-raġuni partikolari għal rifjut kif permess minn dan ir-Regolament. L-effett ta' dawn l-eċċezzjonijiet hija li qorti fl-Istat Membru ta' infurzar ma tistax tirrifjuta li tinforza deċiżjoni għall-unika raġuni li l-minuri ma ngħatawx l-opportunità jesprimu l-fehmiet tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tagħhom, jekk il-proċedimenti kkonċernaw biss il-proprjetà tal-minuri u dment li l-għoti ta' tali opportunità ma kienx meħtieġ fid-dawl tas-suġġett tal-proċedimenti, jew fil-każ tal-eżistenza ta' raġunijiet serji meta titqies, b'mod partikolari, l-urġenza tal-każ. Tali raġunijiet serji jistgħu jingħataw, pereżempju, fejn ikun hemm perikolu imminenti għall-integrità fiżika u psikoloġika tal-minuri jew għall-ħajjithom u kwalunkwe dewmien ulterjuri jista' jirriskja li dan il-perikolu jsir realtà."

1. Deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura **speċjali**.

2. Partikolarment, u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, jenħtieġ li ebda proċedura **speċjali** ma tkun meħtieġa għall-aġġornament tal-atti uffiċjali tal-istat ċivili ta' Stat Membru abbażi ta' deċiżjoni dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ mogħti fi Stat Membru ieħor u li kontrih ma hemm l-ebda appell ieħor taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru.

3. Kwalunkwe parti interessata tista'**, f'konformità mal-proċeduri previsti fl-Artikoli 42/47q sa 45/47r u, fejn adatt, it-Taqsima 5 ta' dan il-Kapitolu u l-Kapitolu VI,** tapplika għal deċiżjoni li m'hemm ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikoli 37 u 38. (…)

4. **Il-ġurisdizzjoni lokali tal-qorti kkomunikata minn kull Stat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 għandha tiġi ddeterminata skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jinġiebu l-proċedimenti skont il-paragrafu 3.**

**5.** Meta r-rikonoxximent ta' deċiżjoni jitressaq bħala kwistjoni inċidentali quddiem (…) **qorti** ta' Stat Membru, dik (…) **il-qorti** tista' tiddetermina dik il-kwistjoni.

Artikolu 28

Dokumenti li għandhom jiġu (…) **prodotti** għar-rikonoxximent

1. Parti li tkun tixtieq tinvoka deċiżjoni fi Stat Membru li tkun ittieħdet fi Stat Membru ieħor għandha (…) **tipproduċi** dawn li ġejjin:

(a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji biex tistabbilixxi l-awtentiċità tagħha; u

(b) iċ-ċertifikat xieraq maħruġ skont l-Artikolu (…) **36a**.

2. Il-**qorti jew** awtorità **kompetenti**[33] li quddiemha tiġi invokata deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor tista', meta jkun meħtieġ, titlob lill-parti li tinvokaha biex tipprovdi **traduzzjoni jew transliterazzjoni**, f'konformità mal-Artikolu 69, (…) ta' [il-kontenut rilevanti][34] taċ-ċertifikat imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

---

33 Hawnhekk "awtorità" waħedha, li normalment hija inkluża fid-definizzjoni ta' "qorti", mhijiex suffiċjenti għaliex din id-dispożizzjoni tindirizza wkoll awtorità li ma tiddeċidix materji taħt dan ir-Regolament.

34 Il-kliem "il-kontenut rilevanti" ser jiġi sostitwit b'referenzi għan-numri tat-taqsimiet xierqa taċ-ċertifikat xieraq.

3. **Il-qorti jew** awtorità **kompetenti li quddiemha tiġi invokata deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor** tista' titlob lill-parti li tipprovdi **traduzzjoni jew transliterazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 69,** tad-deċiżjoni (…) **flimkien ma'** traduzzjoni **jew transliterazzjoni** ta' [il-kontenut rilevanti] taċ-ċertifikat (…) jekk ma tkunx tista' tipproċedi mingħajr din it-traduzzjoni **jew transliterazzjoni**.

**Artikolu 28a**

**In-nuqqas ta' dokumenti**

**1. Jekk id-dokumenti speċifikati fl-Artikolu 28(1) ma jiġux prodotti, l-awtorità jew il-qorti kompetenti tista' tispeċifika żmien għall-produzzjoni tagħhom, taċċetta dokumenti ekwivalenti jew, jekk tikkunsidra li jkollha informazzjoni suffiċjenti quddiemha, tgħaddi mingħajrhom.**

**2. Jekk il-qorti jew l-awtorità kompetenti tkun teħtieġ, għandha tiġi prodotta traduzzjoni jew transliterazzjoni, skont l-Artikolu 69, ta' dawn id-dokumenti ekwivalenti.**

Artikolu 29

Sospensjoni tal-proċedimenti

Il-(…)**qorti** li quddiemha tiġi invokata deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi (…) l-proċedimenti **tagħha**, kompletament jew parzjalment, (…) **fejn**:

(a)(…) **ikun tressaq appell ordinarju kontra dik** id-deċiżjoni (…) fl-Istat Membru tal-oriġini; **jew**

(b)tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għal deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent imsemmija fl-Artikoli 37 u 38 jew għal deċiżjoni li r-rikonoxximent għandu jiġi rrifjutat fuq il-bażi ta' waħda minn dawn ir-raġunijiet (…)**.**

(…)

**Sub**taqsima 2

**Infurzabbiltà u i**nfurzar

Artikolu 30

Deċiżjonijiet infurzabbli

1. Deċiżjoni (…) **fi** kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri (…) meħuda fi Stat Membru li hija infurzabbli f'dak l-Istat Membru għandha tkun infurzabbli fl-Istati Membri l-oħrajn mingħajr ma tkun meħtieġa dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà[35].

2. Għall-finijiet tal-infurzar fi Stat Membru ieħor ta' deċiżjoni li tagħti d-drittijiet ta' aċċess, il-qorti tal-oriġini tista' tiddikjara li d-deċiżjoni hija infurzabbli b'mod proviżorju minkejja li jkun sar appell (…).

(*Artikolu 31 tmexxa għall-Artikolu 31/47e*)

(*Artikolu 32 tmexxa għall-Artikolu 32/47f*)

---

35 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Barra minn hekk, l-għan li l-litigazzjoni transfruntiera rigward il-minuri tieħu inqas żmien u flus jiġġustifika l-abolizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà – li tinkludi r-reġistrazzjoni għall-infurzar – qabel l-infurzar fl-Istat Membru tal-infurzar għad-deċiżjonijiet kollha dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 abolixxa dan ir-rekwiżit biss għal ċerti deċiżjonijiet li jagħtu drittijiet ta' aċċess u ċerti deċiżjonijiet li jinvolvu r-ritorn ta' minuri, dan ir-Regolament issa jabolixxih għall-infurzar transfruntier tad-deċiżjonijiet kollha fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri filwaqt li jżomm trattament saħansitra aktar favorevoli ta' ċerti deċiżjonijiet li jagħtu drittijiet ta' aċċess u ċerti deċiżjonijiet li jinvolvu r-ritorn ta' minuri. B'riżultat ta' dan, soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, deċiżjoni meħuda mill-qorti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor jenħtieġ li titqies daqslikieku ttieħdet fl-Istat Membru tal-infurzar."

Artikolu (…)**33**

Dokumenti li għandhom jiġu (…) **prodotti** (…) għall-infurzar

1. (…) **Għall-finijiet tal-**infurzar fi Stat Membru ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor (…)**, il-parti li qed titlob l-infurzar għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti għall-infurzar:**

(a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji biex tistabbilixxi l-awtentiċità tagħha; u

(b) Iċ-ċertifikat xieraq maħruġ skont l-Artikolu (…) **36a** (…).

**2. Għall-finijiet tal-infurzar fi Stat Membru ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor li tordna miżura proviżorja, inkluż miżura protettiva, il-parti li titlob l-infurzar għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti għall-infurzar:**

**(a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji biex tistabbilixxi l-awtentiċità tagħha;**

**(b) iċ-ċertifikat xieraq maħruġ skont l-Artikolu 36a, li jiċċertifika li d-deċiżjoni hi infurzabbli fl-Istati Membru tal-oriġini u li l-qorti tal-oriġini:**

**(i) għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ; jew**

**(ii) ordnat dawn il-miżuri skont l-Artikolu 25(4) b'rabta mal-Artikolu 14; u**

**(c)** **meta l-miżura ġiet ordnata mingħajr ma l-konvenut ikun tħarrek biex jidher, il-prova tan-notifika tad-deċiżjoni.**[36]

3. L-(…)**awtorità kompetenti għall-infurzar** tista', fejn ikun meħtieġ, teħtieġ li l-(…)**parti li tkun qed titlob l-infurzar** tipprovdi **traduzzjoni jew transliterazzjoni**, skont l-Artikolu 69, (…) ta' **[**il-kontenut rilevanti**]** taċ-ċertifikat li jispeċifika l-obbligu li għandu jiġi infurzat.

---

36 Għandha tiżdied Premessa, imnebbħa mill-Premessi (32) u (33) tar-Regolament Brussell Ia:

"Meta jiġu ordnati miżuri proviżorji, inkluż dawk protettivi, minn qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ, iċ-ċirkolazzjoni libera tagħhom jenħtieġ li tiġi żgurata skont dan ir-Regolament. Madankollu, miżuri proviżorji, inkluż protettivi, li jkunu ġew ordnati minn tali qorti mingħajr ma l-konvenut ikun tħarrek biex jidher jenħtieġ li ma jiġux rikonoxxuti u infurzati skont dan ir-Regolament sakemm id-deċiżjoni li jkun fiha l-miżura ma tkunx ingħatat lill-konvenut qabel l-infurzar. Dan m'għandux jeskludi r-rikonoxximent u l-infurzar ta' tali miżuri skont il-liġi nazzjonali.

Fejn miżuri proviżorji, inkluż protettivi, jiġu ordnati minn qorti ta' Stat Membru li ma jkollhiex ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ, jenħtieġ li ċ-ċirkolazzjoni tagħhom tkun limitata, skont dan ir-Regolament, għal miżuri meħuda f'kawżi internazzjonali ta' ħtif ta' tfal u bil-għan li jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju msemmi f'punt (b) tal-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Dawk il-miżuri jenħtieġ li japplikaw sakemm qorti ta' Stat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament tkun ħadet il-miżuri li hi tqis xierqa."

4. L-(…)**awtorità kompetenti għall-infurzar** tista' teħtieġ li l-(…)**parti li qed titlob l-infurzar** tipprovdi traduzzjoni **jew transliterazzjoni, skont l-Artikolu 69,** tad-deċiżjoni (…) jekk ma tkunx tista' tipproċedi mingħajr tali traduzzjoni jew **transliterazzjoni**.

(*Artikolu 34 tmexxa għall-Artikolu 34/47i*)

(*Artikolu 35 tmexxa għall-Artikolu 35/47j*)

(*Artikolu 36 tmexxa għall-Artikolu 36/47k*)

**Subtaqsima 3**

**Ċertifikat**

**Artikolu 36a**

**Ħruġ taċ-ċertifikat**

**1. Il-qorti ta' Stat Membru tal-oriġini kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 għandha, mal-applikazzjoni minn parti, toħroġ ċertifikat għal:**

**(a) deċiżjoni fi kwistjonijiet matrimonjali bl-użu tal-formola li tinsab fl-Anness I;**

**(b) deċiżjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri bl-użu tal-formola li tinsab fl-Anness II;**

**(c) ordnijiet ta' ritorn li jsiru skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 bl-użu tal-formola li tinsab fl-Anness [X].**

**2. Iċ-ċertifikat għandu jitlesta u jinħareġ bil-lingwa tad-deċiżjoni. Iċ-ċertifikat jista' jinħareġ ukoll b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea mitluba mill-parti. Dan ma joħloq ebda obbligu għall-qorti li toħroġ iċ-ċertifikat li tipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni ta' [il-kontenut rilevanti].**

**3. Ma għandu jkun hemm l-ebda kontestazzjoni kontra l-ħruġ taċ-ċertifikat.**

**Artikolu 36b**

**Rettifika taċ-ċertifikat**

**1. Il-qorti ta' Stat Membru tal-oriġini kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 għandha, mal-applikazzjoni, u tista', b'mozzjoni tagħha stess, tirrettifika ċ-ċertifikat fejn, minħabba żball materjali jew ommissjoni, ikun hemm diskrepanza bejn id-deċiżjoni li għandha tiġi infurzata u ċ-ċertifikat.**

**2. Il-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini tapplika għall-proċedura għar-rettifika taċ-ċertifikat.**

**Sub**taqsima (…) **4**

Rifjut tar-rikonoxximent u tal-infurzar

(…)

Artikolu 37[37]

Raġunijiet **għar-rifjut** ta' (…) rikonoxximent (…) **ta'** deċiżjonijiet f'materji matrimonjali

(…) **I**r-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieg għandu jiġi rifjutat:

(a) jekk jidher ċar li l-imsemmi rikonoxximent huwa kuntrarju għall-politika pubblika tal-Istat Membru fejn ir-rikonoxximent qiegħed jiġi mitlub; (…)

(b) meta jingħata b'kontumaċja, jekk il-konvenut ma jkunx ġie notifikat bl-att promotur jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'mod li jħalli l-konvenut jirranġa għad-difiża tiegħu ħlief jekk ikun ġie ddeterminat li l-konvenut ikun aċċetta d-deċiżjoni inekwivokabbilment; (…)

(c) jekk ikun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni meħuda fi proċedimenti bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru li fih ikun qiegħed jiġi mitlub ir-rikonoxximent; jew

(d) jekk ikun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni meħuda qabel fi Stat Membru ieħor jew fi Stat li mhuwiex Membru bejn l-istess partijiet, kemm-il darba d-deċiżjoni meħuda qabel tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru fejn huwa mitlub ir-rikonoxximent.

[37] Ara l-Premessa proposta fin-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

Artikolu 38[38]

Raġunijiet **għar-rifjut** tar-(…)rikonoxximent (…) **tad-**deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri

1. (…)**I**r-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri għandu jiġi rifjutat:

(a) jekk l-imsemmi rikonoxximent jidher ċar li huwa kuntrarju għall-politika pubblika tal-Istat Membru li fih ir-rikonoxximent qiegħed jiġi mitlub, wara li jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi tal-minuri;(…)

(b) meta tkun ġiet mogħtija b'kontumaċja jekk il-kontumaċi ma jkunx ġie notifikat bl-att promotur jew b'xi dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'mod li jkun ħalla dik il-persuna tirranġa għad-difiża tagħha ħlief jekk jiġi ddeterminat li dik il-persuna tkun aċċettat id-deċiżjoni b'mod inekwivokabbli; (…)

(c) fuq it-talba ta' kwalunkwe persuna li tistqarr li d-deċiżjoni tikser id-drittijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri tagħha, jekk tittieħed mingħajr ma din il-persuna tkun ingħatat l-opportunità li tinstema';[39] (…)

(d) jekk **u sa fejn** ikun irrikonċiljabbli[40] ma' xi deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri meħuda aktar tard fl-Istat Membru fejn qed jiġi invokat ir-rikonoxximent; (…)

(e) jekk **u sa fejn** ikun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni meħuda aktar tard dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri fi Stat Membru ieħor jew f'xi Stat li mhuwiex Membru tar-residenza abitwali tal-minuri kemm-il darba l-aħħar deċiżjoni tkopri l-kondizzjonijiet neċessarji għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru fejn ikun qed (…) **jintalab** ir-rikonoxximent; **jew**

[38] Ara l-Premessa proposta fin-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

[39] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni, fejn ma jkunx possibbli li tinstema' parti jew il-minuri in persona, u fejn ikunu disponibbli l-mezzi tekniċi, il-qorti tista' tikkunsidra li torganizza smigħ permezz ta' vidjokonferenza jew kwalunkwe teknoloġija ta' komunikazzjoni oħra għajr jekk, minħabba iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-użu ta' tali teknoloġija ma jkunx adatt għall-andament ġust tal-proċedimenti."

[40] Ara l-Premessa proposta fin-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

**(f) jekk il-proċedura stipulata fl-Artikolu 65 ma tkunx tħarset.**

2. (…) **Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri jista' jiġi rrifjutat jekk ikun ingħata mingħajr ma l-minuri li jkunu kapaċi jifformaw l-ideat tagħhom ikunu ngħataw opportunità jesprimu l-ideat tiegħu skont l-Artikolu 20,**[41][42] **għajr fejn:**[43]

**(a) il-proċedimenti jikkonċernaw biss il-proprjetà tal-minuri u sakemm l-għoti ta' tali opportunità ma kienx meħtieġ fid-dawl tas-suġġett tal-proċedimenti; jew**

**(b) ikun hemm raġunijiet serji meta titqies, b'mod partikolari, l-urġenza tal-każ.**[44]

---

41 Ara l-Premessa proposta fin-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

42 Iċ-ċertifikat għandu jkun fih kaxxa tal-immarkar li tindika jekk il-minuri ngħatawx l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom, u jekk ma ngħatawx din l-opportunità, jenħtieġ li r-raġunijiet għal dan, jiġu spjegati f'test liberu fejn xieraq.

43 Għandha tiżdied Premessa fis-sens tal-Premessa (21) tar-Regolament Brussell IIa attwali:

"Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet, strumenti awtentiċi u ftehimiet mogħtija fi Stat Membru jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka. Għaldaqstant jenħtieġ li r-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jinżammu fil-livelli minimi neċessarji fid-dawl tal-għan sottostanti ta' dan ir-Regolament li huwa li jiġu ffaċilitati r-rikonoxximent u l-infurzar u li effettivament jiġu protetti l-aħjar interessi tal-minuri."

44 Ara l-Premessa proposta fin-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

Artikolu 39

Proċedura għar-rifjut tar-rikonoxximent

1. Il-proċeduri previsti fl-Artikoli (…)**42/47q** sa (…)**45/47r** u, fejn xieraq, it-Taqsima (…) **5 ta' dan il-Kapitolu** u l-Kapitolu VI japplikaw kif xieraq għal applikazzjoni għar-rifjut tar-rikonoxximent.

**2. Il-ġurisdizzjoni lokali tal-qorti kkomunikata minn kull Stat Membru lill- Kummissjoni skont l-Artikolu 81 għandha tiġi ddeterminata skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jinġiebu l-proċedimenti għan-nonrikonoxximent.**

(…)

Artikolu 40

Raġunijiet għar-rifjut tal-infurzar tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri

(…) **Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36/47k(6), l-infurzar ta' deċiżjoni fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri għandu jiġi rifjutat jekk jinstab li teżisti waħda mir-raġunijiet għar-rifjut ta' rikonoxximent imsemmijin fl-Artikolu 38.**[45]

---

[45] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Huwa f'idejn il-liġi nazzjonali li tiddetermina jekk huwiex meħtieġ li r-raġunijiet għar-rifjut ta' rikonoxximent stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu eżaminati *ex officio* jew meta ssir l-applikazzjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-istess eżami jkun possibbli fil-kuntest tar-rifjut tal-infurzar."

## TAQSIMA 2

## DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IR-RIKONOXXIMENT U L-INFURZAR TA' ĊERTI DEĊIŻJONIJIET PRIVILEĠĠATI

### Artikolu 47a

### Kamp ta' Applikazzjoni

**1. Din it-Taqsima għandha tapplika għad-deċiżjonijiet li ġejjin jekk ikunu ġew iċċertifikati fl-Istat Membru tal-oriġini skont l-Artikolu 47l:**

**(a) deċiżjonijiet sa fejn qed jagħtu drittijiet ta' aċċess; u**

**(b) deċiżjonijiet skont l-Artikolu 26a(6) sa fejn jinvolvu r-ritorn tal-minuri.**

**2. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ma għandhomx jipprevjenu li parti titlob rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar stipulati fit-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu.**

**Subtaqsima 1**

**Rikonoxximent**

**Artikolu 47b**

**Rikonoxximent**

**1. Deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47a(1) meħuda fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa ebda proċedura speċjali u mingħajr ebda possibbiltà li r-rikonoxximent tagħha jiġi oppost sakemm ma jinstabx li teżisti irrikonċiljabbiltà[46] ma' deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47n, u sa liema livell jinstab li teżisti.**

**2. Parti li tkun tixtieq tinvoka fi Stat Membru deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47a(1) li tkun ittieħdet fi Stat Membru ieħor għandha tipproduċi dawn li ġejjin:**

**(a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji biex tistabbilixxi l-awtentiċità tagħha; u**

**(b) iċ-ċertifikat xieraq maħruġ skont l-Artikolu 47l.**

**2. L-Artikolu 28(2) u (3) għandhom japplikaw kif xieraq.**

46 Ara l-Premessa proposta fin-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

**Artikolu 47c**

**Sospensjoni tal-proċedimenti**

**Il-qorti li quddiemha tiġi invokata deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47a(1) meħuda fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti tagħha, kompletament jew parzjalment, fejn:**

**(a)tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni li tallega l-irrikonċiljabbiltà**[47] **ma' deċiżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 47n; jew**

**(b) il-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar tkun applikat, f'konformità mal-Artikolu 47m, għall-irtirar ta' ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 47l.**

**Subtaqsima 2**

**Infurzabbiltà u infurzar**

**Artikolu 47d**

**Deċiżjonijiet infurzabbli**

**1. Deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47a(1) meħuda fi Stat Membru li tkun infurzabbli f'dak l-Istat Membru għandha tkun infurzabbli taħt din it-Taqsima fl-Istati Membri l-oħrajn mingħajr ma tkun meħtieġa ebda dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà.**

**2. Għall-finijiet tal-infurzar fi Stat Membru ieħor ta' deċiżjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 47a(1), il-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini jistgħu jiddikjaraw li d-deċiżjoni hija infurzabbli b'mod proviżorju minkejja kwalunkwe appell.**

47 Ara l-Premessa proposta fin-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

**Artikolu 47h**

**Dokumenti li għandhom jiġu prodotti għall-infurzar**

**1. Għall-finijiet tal-infurzar fi Stat Membru ta' deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47a(1) li ttieħdet fi Stat Membru ieħor, il-parti li tkun qed titlob infurzar għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti għall-infurzar:**

**(a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji biex tistabbilixxi l-awtentiċità tagħha; u**

**(b) iċ-ċertifikat xieraq maħruġ skont l-Artikolu 47l.**

**2. Għall-finijiet ta' infurzar fi Stat Membru ta' deċiżjoni msemmija f'punt (a) tal-Artikolu 47a(1) li tkun ittieħdet fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti għall-infurzar tista', fejn ikun meħtieġ, titlob lill-applikant jipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 69, ta' [il-kontenut rilevanti] taċ-ċertifikat li jispeċifika l-obbligu li għandu jiġi infurzat.**

**3. Għall-finijiet ta' infurzar fi Stat Membru ta' deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47a(1) li tkun ittieħdet fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti għall-infurzar tista' titlob lill-applikant jipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 69, tad-deċiżjoni jekk ma tkunx tista' tipproċedi mingħajr din it-traduzzjoni jew transliterazzjoni.**

**Subtaqsima 3**

**Ċertifikat għal deċiżjonijiet privileġġati**

**Artikolu 47l**

**Ħruġ taċ-ċertifikat**

**1. Il-qorti li tkun ħadet deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47a(1) għandha, fuq talba ta' parti, toħroġ ċertifikat għal:**

**(a)deċiżjoni li tagħti drittijiet ta' aċċess bl-użu tal-formola li tinsab fl-Anness III;**

**(b) deċiżjoni dwar il-mertu tad-drittijiet ta' kustodja meħuda skont l-Artikolu 26a(6) li tinvolvi r-ritorn ta' minuri bl-użu tal-formola li tinsab fl-Anness IV.**

**2. Iċ-ċertifikat għandu jitlesta u jinħareġ bil-lingwa tad-deċiżjoni. Iċ-ċertifikat jista' jinħareġ ukoll b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea mitluba minn xi parti. Dan ma joħloq ebda obbligu għall-qorti li toħroġ iċ-ċertifikat li tipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni ta' [il-kontenut rilevanti].**

**3. Il-qorti għandha toħroġ iċ-ċertifikat biss jekk:**

**(a) il-partijiet kollha kkonċernati jkunu ngħataw l-opportunità li jinstemgħu;**

**(b) il-minuri jkunu ngħataw opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom f'konformità mal-Artikolu 20;**[48]

**(c) meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet b'kontumaċja, il-kontumaċi jkun ġie notifikat bl-att promotur jew b'dokument ekwivalenti biżżejjed żmien qabel u b'mod li dik il-persuna tkun setgħet tirranġa għad-difiża tagħha jew jekk jiġi stabbilit li l-kontumaċi jkun aċċetta d-deċiżjoni b'mod inekwivokabbli.**

**4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, iċ-ċertifikat għal deċiżjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 47a(1) għandu jinħareġ biss jekk, meta tieħu d-deċiżjoni tagħha, il-qorti tkun qieset ir-raġunijiet għad-deċiżjoni preċedenti meħuda fi Stat Membru ieħor u l-fatti li jirfduha skont il-punt (b) tal-Artikolu 13(1), jew l-Artikolu 13(2), tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.**

**5. Iċ-ċertifikat għandu jsir effettiv biss fil-limiti tal-infurzabbiltà tad-deċiżjoni.**

**6. Ma għandhom isiru ebda oġġezzjonijiet kontra l-ħruġ taċ-ċertifikat għajr dawk imsemmijin fl-Artikolu 47m.**

---

48 Iċ-ċertifikat għandu jkun fih kaxxa tal-immarkar li tindika jekk il-minuri ngħatawx l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom, u jekk ma ngħatawx tali opportunità, jenħtieġ li r-raġunijiet għal dan, jiġu spjegati f'test liberu fejn xieraq.

**Artikolu 47m**

**Rettifika u rtirar taċ-ċertifikat**

**1. Il-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 għandha, mal-applikazzjoni, u tista', b'mozzjoni tagħha stess, tirrettifika ċ-ċertifikat fejn, minħabba żball materjali jew ommissjoni, ikun hemm diskrepanza bejn id-deċiżjoni u ċ-ċertifikat.**

**2. Il-qorti msemmija fil-paragrafu 1, mal-applikazzjoni jew b'mozzjoni tagħha stess, għandha tirtira ċ-ċertifikat fejn ikun ingħata inġustament, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 47l. L-Artikolu 47m1 għandu japplika kif meħtieġ.**

**3. Il-proċedura, inkluż kwalunkwe appell, fir-rigward tar-rettifika jew l-irtirar taċ-ċertifikat għandha tkun regolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini.**

**Artikolu 47m1**

**Ċertifikat dwar in-nuqqas jew il-limitazzjoni tal-infurzabbiltà**

**Meta u sa fejn deċiżjoni ċertifikata f'konformità mal-Artikolu 47l tkun waqfet milli tkun infurzabbli jew l-infurzabbiltà tagħha tkun ġiet sospiża jew limitata, malli ssir applikazzjoni fi kwalunkwe mument lill-qorti tal-Istat Membru ta' oriġini kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81, għandu jinħareġ ċertifikat li jindika n-nuqqas jew il-limitazzjoni tal-infurzabbiltà, bl-użu tal-formola standard li tinsab fl-Anness [Z].**

**Subtaqsima 4**

**Rifjut tar-rikonoxximent u tal-infurzar**

**Artikolu 47n**

**Deċiżjonijiet irrikonċiljabbli[49]**

**Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 47a(1) għandhom jiġu rifjutati jekk u sa fejn ikunu irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni meħuda aktar tard marbuta mar-responsabbiltà tal-ġenituri dwar l-istess minuri li tkun ittieħdet:**

**(a) fl-Istat Membru fejn jiġi invokat ir-rikonoxximent; jew**

**(b) fi Stat Membru ieħor jew f'xi Stat li mhuwiex Membru tar-residenza abitwali tal-minuri kemm-il darba d-deċiżjoni meħuda aktar tard tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru fejn jiġi invokat ir-rikonoxximent.**

49 Ara l-Premessa proposta fin-nota 32 f'qiegħ il-paġna.

## Taqsima 3

## Dispożizzjonijiet komuni dwar l-infurzar

### Subtaqsima 1

### Infurzar[50]

Artikolu 31/**47e**

Proċedura ta' **infurzar**

1. **Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima,** il-proċedura għall-infurzar ta' deċiżjonijiet meħuda fi Stat Membru ieħor għandha (…) tkun regolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar. Mingħajr preġudizzju għall-Artikol**i** 40**, 47n, 36/47k u 47o1**, deċiżjoni meħuda fi Stat Membru li tkun infurzabbli fl-Istat Membru ta' (…) **oriġini** għandha tiġi infurzata (…) **fl-Istat Membru tal-infurzar** bl-istess kondizzjonijiet bħal deċiżjoni meħuda (…) f'**dak** l-Istat Membru (…).

[50] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Billi l-proċeduri ta' infurzar jistgħu jkunu kemm ġudizzjarji kif ukoll extra-ġudizzjarji skont il-liġi nazzjonali, l-"awtoritajiet kompetenti għall-infurzar" jistgħu jinkludu qrati, bailiffs u kwalunkwe awtorità oħra kif iddeterminat mil-liġi nazzjonali. Fejn, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar, jissemmew ukoll il-qrati fid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, dan jenħtieġ li jkopri każijiet fejn skont il-liġi nazzjonali, korp għajr qorti jkun l-awtorità kompetenti għall-infurzar, iżda ċerti deċiżjonijiet huma riservati għall-qrati, jew mill-bidu jew fil-forma ta' rieżami tal-atti tal-awtorità kompetenti għall-infurzar. Jenħtieġ li jkun f'idejn l-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti tal-Istat Membru tal-infurzar li tordna jew tieħu miżuri speċifiċi, jew tagħmel arranġamenti biex dawn jittieħdu, fl-istadju tal-infurzar, bħal kwalunkwe miżura mhux koerċittiva li tista' tkun disponibbli fil-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru, jew kwalunkwe miżura koerċittiva li tista' tkun disponibbli f'dik il-liġi, inkluż multi, ħabs jew it-teħid tal-minuri permezz ta' bailiff."

2. Ma għandux ikun meħtieġ li l-parti li tkun qed titlob l-infurzar ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor ikollha indirizz postali fl-Istat Membru tal-infurzar. Ikun meħtieġ li dik il-parti jkollha rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru tal-infurzar biss jekk rappreżentant bħal dan ikun obbligatorju **bil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar** irrispettivament min-nazzjonalità (…) tal-partijiet.

Artikolu 32/**47f**

(…) **Awtoritajiet kompetenti għall-**infurzar (…)

(…) L-applikazzjoni għall-infurzar għandha tiġi ppreżentata lill-(…)**awtorità** kompetenti għall-infurzar skont il-(…)liġi tal-Istat Membru tal-infurzar (…) **kif** ikkomunikata minn (…) **dak** l-Istat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81.

(…)

**Artikolu 32a/47g**

**Infurzar parzjali**

**1. Parti li titlob l-infurzar ta' deċiżjoni tista' titlob infurzar parzjali tad-deċiżjoni.**

**2. Meta tkun ittieħdet deċiżjoni fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet u l-infurzar jiġi rifjutat għal waħda jew uħud minnhom, l-infurzar xorta waħda għandu jkun possibbli għall-partijiet tad-deċiżjoni mhux affettwati mir-rifjut.**

**3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jintużaw biex tiġi infurzata deċiżjoni li tordna r-ritorn ta' minuri mingħajr ma tiġi infurzata wkoll kwalunkwe miżura proviżorja, inkluż dawk protettivi, li tkun ġiet ordnata biex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.**

Artikolu (…)34/**47i**

(…) **Arranġamenti għall-eżerċitar tad-drittijiet ta' aċċess**[51]

1. (…) **L-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar jew** il-qrati tal-Istat Membru tal-infurzar jistgħu jagħmlu (…) arranġamenti għall-organizzazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-aċċess, jekk l-arranġamenti neċessarji ma jkunux **saru**, jew ma **jkunux** saru sew, fid-deċiżjoni meħuda mill-(…)**qrati** tal-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ **u sakemm l-elementi essenzjali ta' din id-deċiżjoni jiġu rispettati**.

**2.** L-(…)arranġamenti magħmula skont (…)**il-paragrafu 1** għandhom jieqfu japplikaw (…) **b'segwitu** għal deċiżjoni meħuda aktar tard mill-qrati tal-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni dwar il-mertu tal-każ.

(…)

---

[51] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' deċiżjonijiet minn Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar jew il-qrati fl-Istat Membru tal-infurzar jenħtieġ li jkunu intitolati jispeċifikaw dettalji marbutin ma' ċirkostanzi prattiċi, jew kondizzjonijiet legali meħtieġa skont il-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar. Jenħtieġ li l-arranġamenti previsti f'dan ir-Regolament jiffaċilitaw l-infurzar ta' deċiżjoni fl-Istat Membru tal-infurzar, li kieku ma tkunx infurzabbli mod ieħor minħabba n-nuqqas ta' ċarezza tagħha, sabiex l-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti tal-infurzar tkun tista' tagħmel id-deċiżjoni aktar konkreta u preċiża. Jenħtieġ li anke kwalunkwe arranġament ieħor biex jitħarsu r-rekwiżiti legali skont lil-liġi nazzjonali dwar l-infurzar tal-Istat Membru tal-infurzar, bħal, pereżempju, l-involviment ta' awtorità għall-protezzjoni tat-tfal jew psikologu fl-istadju tal-infurzar, isir bl-istess mod. Madankollu, kwalunkwe arranġament bħal dan jenħtieġ li ma jinterferixxix fl-elementi essenzjali tad-deċiżjoni, jew imur lil hinn minnhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li s-setgħa, skont dan ir-Regolament, li jiġu adattati miżuri ma tippermettix lill-qorti tal-infurzar li tissostitwixxi miżuri li mhumiex magħrufa fil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar, b'miżuri differenti."

Artikolu 35/**47j**

Notifika taċ-ċertifikat u d-deċiżjoni[52]

1. Meta **jintalab** l-infurzar ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor (…), iċ-ċertifikat **xieraq** maħruġ skont l-Artikol**i** (…) **36a jew 47l** għandu jiġi nnotifikat lill-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar qabel l-ewwel miżura ta' infurzar. Iċ-ċertifikat għandu jkun akkumpanjat mid-deċiżjoni, jekk tkun għadha ma ġietx innotifikata lil dik il-persuna**, u, fejn applikabbli, mid-dettalji tal-arranġament imsemmi fl-Artikolu 34/47i(1)**.

2. Fejn (…) **in-notifika jkollha ssir** fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru tal-oriġini, (…) **il-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar** tista' titlob traduzzjoni (…) **jew transliterazzjoni ta' dan li ġej:**

**(a)** id-deċiżjoni, sabiex tikkontesta l-infurzar (…);

**(b) fejn applikabbli, [il-kontenut rilevanti] taċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 47l;**

[52] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Sabiex il-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar tiġi infurmata bl-infurzar ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat stabbilit skont dan ir-Regolament, jekk meħtieġ akkumpanjat mid-deċiżjoni, jenħtieġ li jiġi nnotifikat lil dik il-persuna fi żmien raġonevoli qabel l-ewwel miżura ta' infurzar. F'dak il-kuntest, l-ewwel miżura ta' infurzar jenħtieġ li tfisser l-ewwel miżura ta' infurzar wara din in-notifika. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, parti li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar ikollha d-dritt għal rimedju effettiv, li jinkludi l-possibbiltà li jinbdew proċedimenti biex tiġi kkuntestata l-infurzabbiltà tad-deċiżjoni qabel il-bidu effettiv tal-infurzar."

**jekk** ma jkunux miktubin jew akkumpanjati minn traduzzjoni **jew transliterazzjoni** b'(…)lingwa li tifhem**,** jew (…) il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru li fih hija resident abitwali jew, meta jkun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, il-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn hija resident abitwali.

**3.** Meta tintalab traduzzjoni (…) **jew transliterazzjoni** skont (…) il-**paragrafu 2**, ma tista' tittieħed ebda miżura ta' infurzar għajr miżuri protettivi sakemm dik it-traduzzjoni **jew transliterazzjoni** tkun ġiet ipprovduta lill-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar.

**4.** (…) **Il-paragrafi 2 u 3** ma għandhomx japplikaw (…) **sakemm id-deċiżjoni u, fejn applikabbli, iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 ma** jkunux diġà ġew notifikati lill-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar f'(…)**konformità mar-rekwiżiti ta' traduzzjoni jew transliterazzjoni fil-paragrafu 2**.

(…)

## Subtaqsima 2

## Sospensjoni tal-proċedimenti ta' infurzar u rifjut tal-infurzar

Artikolu 36/**47k**

(…) **Sospensjoni u rifjut**[53]

---

[53] Għandhom jiżdiedu tliet Premessi skont dan li ġej:

(R1) "Fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, l-infurzar dejjem ser jikkonċerna minuri, u f'bosta każijiet ser jikkonċerna l-mument fejn minuri jgħaddi għand persuna oħra għajr il-persuna li l-minuri jkun qed jgħix magħha f'dak iż-żmien u/jew ir-rilokazzjoni tal-minuri fi Stat Membru ieħor. L-għan ewlieni għaldaqstant jenħtieġ li jkun li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn id-dritt tal-applikant, bħala prinċipju, li jikseb l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni mill-aktar fis possibbli wkoll f'każijiet transfruntiera fi ħdan l-Unjoni Ewropea u, jekk ikun meħtieġ, saħansitra bl-applikazzjoni ta' miżuri koerċittivi, u l-ħtieġa li l-esponiment tal-minuri għal miżuri koerċittivi ta' infurzar possibbilment trawmatizzanti jiġi limitat, sa fejn possibbli, f'każijiet fejn ma dan ma jkunx jista' jiġi evitat. Din il-valutazzjoni jenħtieġ li ssir mill-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar u l-qrati f'kull Stat Membru fid-dawl ta' kull każ individwali."

(R2) "Dan ir-Regolament jipprova jistabbilixxi kondizzjonijiet indaqs f'dak li jirrigwarda l-infurzar transfruntier ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri fost l-Istati Membri. F'għadd ta' Stati Membri, dawn id-deċiżjonijiet diġà huma infurzabbli anke jekk għadhom soġġetti għal appell, jew diġà qed isir appell kontrihom. Fi Stati Membri oħrajn, deċiżjoni finali biss li ma tkunx għadha soġġetta għal appell ordinarju tkun infurzabbli. Sabiex jittratta sitwazzjonijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament għaldaqstant jipprevedi li ċerti deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri jistgħu jiġu ddikjarati infurzabbli b'mod proviżorju mill-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini anke jekk ikunu għadhom soġġetti għal appell, jiġifieri deċiżjonijiet li jordnaw ir-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u deċiżjonijiet li jagħtu drittijiet ta' aċċess."

(R3) "Fil-proċeduri ta' infurzar li jikkonċernaw minuri, madankollu, hu importanti li l-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar jew il-qrati jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr għal bidla rilevanti fiċ-ċirkostanzi, inkluż oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini, it-telf tal-infurzabbiltà tad-deċiżjoni u xkiel jew sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jiltaqgħu magħhom fl-istadju tal-infurzar. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-proċedimenti ta' infurzar jiġu sospiżi, mal-applikazzjoni jew b'mozzjoni tal-qorti jew l-awtorità stess, fejn l-infurzabbiltà tad-deċiżjoni tiġi sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini. L-awtorità jew il-qorti kompetenti għall-infurzar jenħtieġ madankollu li ma jkunux obbligati jinvestigaw attivament jekk sadanittant l-infurzabbiltà tkunx ġiet sospiża, wara appell jew b'mod ieħor, fl-Istat Membru tal-oriġini jekk ma jkun hemm ebda indikazzjoni li dan jista' jkun il-każ. Barra minn hekk, is-sospensjoni jew rifjut tal-infurzar fl-Istat Membru tal-infurzar jenħtieġ li jitħallew għad-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti u mal-applikazzjoni fejn jinstab li teżisti raġuni waħda jew aktar minn dawk imniżżla f'dan ir-Regolament jew permessi minnu."

1. (…)**L-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-**qorti fl-Istat Membru tal-infurzar għandha **b'mozzjoni tagħha stess jew** mal-applikazzjoni tal-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar **jew, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali, tal-minuri kkonċernat** (…) tissospendi l-proċedimenti ta' infurzar fejn l-infurzabbiltà tad-deċiżjoni tiġi sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini.

2. **L-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti fl-Istat Membru tal-infurzar tista',** mal-applikazzjoni tal-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar **jew, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali, tal-minuri kkonċernat, tissospendi, kollha kemm huma jew parzjalment,** (…) il-proċedimenti ta' infurzar (…) **għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:**

**(a) ikun ġie ppreżentat appell ordinarju kontra d-deċiżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini;**

**(b) iż-żmien għal appell ordinarju msemmi fil-punt (a) jkun għadu ma għalaqx;**

**(c) tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għar-rifjut tal-infurzar imsejsa fuq l-Artikolu 40, 47n jew 47o1; jew**

**(d) il-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar tkun applikat, f'konformità mal-Artikolu 47m, għall-irtirar ta' ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 47l.**

**3. Meta l-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti tissospendi l-proċedimenti ta' infurzar minħabba r-raġuni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2, hija tista' tispeċifika l-limitu ta' żmien li fih ikun jista' jiġi ppreżentat kwalunkwe appell**.[54]

54 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Fejn id-deċiżjoni tkun għadha soġġetta għal appell fl-Istat Membru tal-oriġini u ż-żmien għall-preżentazzjoni ta' appell ordinarju jkun għadu ma għalaqx, l-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti fl-Istat Membru tal-infurzar jenħtieġ li jkollha d-diskrezzjoni biex tissospendi, mal-applikazzjoni, il-proċedimenti ta' infurzar. F'dawk il-każijiet tista' tispeċifika ż-żmien li fih għandu jiġi ppreżentat kwalunkwe appell fl-Istat Membru tal-oriġini, sabiex tinkiseb jew tinżamm is-sospensjoni tal-proċedimenti ta' infurzar. Din l-ispeċifikazzjoni ta' limitu ta' żmien jenħtieġ li jkollha effett biss għall-proċedimenti ta' infurzar u jenħtieġ li ma taffettwax id-data ta' għeluq għall-preżentazzjoni ta' appell skont ir-regoli proċedurali tal-Istat Membru tal-oriġini."

**4. F'każijiet eċċezzjonali, l-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti, meta ssir l-applikazzjoni tal-persuna li kontriha qed jintalab l-infurzar jew, fejn applikabbli skont il-liġi nazzjonali, tal-minuri kkonċernati jew kwalunkwe parti interessata li taġixxi fl-aħjar interessi tal-minuri, tista' tissospendi l-proċedimenti ta' infurzar jekk l-infurzar jesponi lill-minuri għal riskju serju ta' ħsara fiżika jew psikoloġika minħabba xkiel temporanju li jkun inħoloq wara li ngħatat id-deċiżjoni, jew permezz ta' kwalunkwe bidla sinifikanti oħra taċ-ċirkostanzi.**

**L-infurzar għandu jerġa' jkompli hekk kif ir-riskju serju ta' ħsara fiżika jew psikoloġika ma jibqax jeżisti.**

**5. Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 4, qabel ir-rifjut tal-infurzar skont il-paragrafu 6, l-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti għandha tieħu kwalunkwe pass xieraq[55] biex tiffaċilita l-infurzar skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali u l-aħjar interessi tal-minuri.**

**6. Fejn ir-riskju serju msemmi fil-paragrafu 4 jkun idum għal żmien twil, l-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti, mal-applikazzjoni, tista' tirrifjuta l-infurzar tad-deċiżjoni.**

---

55 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"F'każijiet eċċezzjonali, l-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti tista' tissospendi l-proċedimenti ta' infurzar jekk l-infurzar jesponi l-minuri għal riskju serju ta' ħsara fiżika jew psikoloġika minħabba xkiel temporanju li jkun inħoloq wara li ttieħdet id-deċiżjoni, jew permezz ta' kwalunkwe bidla sinifikanti oħra taċ-ċirkostanzi. L-infurzar jenħtieġ li jerġa' jkompli hekk kif ir-riskju serju ta' ħsara fiżika jew psikoloġika ma jibqax jeżisti. Jekk jibqa' jeżisti, madankollu, qabel ma jiġi rrifjutat l-infurzar jenħtieġ li jittieħed kwalunkwe pass xieraq, skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali, inkluż, fejn xieraq bl-assistenza ta' professjonisti rilevanti oħrajn, bħal assistenti soċjali jew psikologi tat-tfal, biex isir tentattiv biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar, skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali, jipprovaw jegħlbu kwalunkwe xkiel li jinħoloq minn bidla fiċ-ċirkostanzi, bħal, pereżempju, oġġezzjoni ċara mill-minuri mleħħna biss wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni li tkun tant qawwija li, jekk tiġi injorata, dan ikun jammonta għal riskju serju ta' ħsara fiżika jew psikoloġika għall-minuri."

**Artikolu 47o1**

**Raġunijiet għas-sospensjoni jew ir-rifjut tal-infurzar skont il-liġi nazzjonali**[56]

**Ir-raġunijiet għas-sospensjoni jew ir-rifjut tal-infurzar skont il-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar għandhom japplikaw dment li ma jkunux inkompatibbli mal-applikazzjoni tal-Artikoli 36/47k, 40 u 47n**.[57]

Artikolu 41/**47p**

Ġurisdizzjoni tal-(…)**awtoritajiet jew** qrati **kompetenti għar-rifjut tal-infurzar**

1. L-applikazzjoni għar-rifjut tal-infurzar **ibbażata fuq l-Artikolu 38** għandha tiġi ppreżentata lill-qorti (…) kkomunikata minn kull Stat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81. **L-applikazzjoni għar-rifjut tal-infurzar ibbażata fuq raġunijiet oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament jew permessi minnu għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità jew qorti kkomunikata minn kull Stat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 .**

[56] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"L-applikazzjoni ta' kwalunkwe raġuni nazzjonali għar-rifjut jenħtieġ li ma jkollhiex l-effett li testendi l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet tar-raġunijiet previsti f'dan ir-Regolament."

[57] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Parti li tikkontesta l-infurzar ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli u skont is-sistema legali tal-Istat Membru tal-infurzar, tkun tista' tagħmel dan fil-proċedura għall-infurzar u tkun tista' tqajjem, fi proċedura waħda, flimkien mar-raġunijiet għal rifjut previsti f'dan ir-Regolament, ir-raġunijiet għal rifjut disponibbli skont il-liġi tal-Istat Membru fejn ikun qed jintalab l-infurzar li jkomplu japplikaw għax ma jkunux inkompatibbli mar-raġunijiet previsti f'dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, oġġezzjonijiet ibbażati fuq żbalji formali skont il-liġi nazzjonali f'att ta' infurzar jew fuq l-affermazzjoni li l-azzjoni meħtieġa mid-deċiżjoni tkun diġà twettqet jew tkun saret impossibbli, pereżempju, fil-każ ta' *force majeure*, mard serju tal-persuna li għandha ser jgħaddi l-minuri, it-tfigħ il-ħabs jew il-mewt ta' dik il-persuna, il-fatt li l-Istat Membru li fih ikun ser jiġi rritornat il-minuri jkun inbidel f'żona ta' gwerra wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, jew ir-rifjut tal-infurzar ta' deċiżjoni li skont il-liġi tal-Istat Membru fejn jintalab l-infurzar ma jkollha ebda kontenut infurzabbli u ma tkunx tista' tiġi aġġustata għal dan il-għan."

2. Il-ġurisdizzjoni lokali **tal-awtorità jew il-qorti kkomunikata minn kull Stat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81** għandha tiġi ddeterminata (…) **skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jinġiebu l-proċedimenti f'konformità mal-paragrafu 1**.

(…)

Artikolu 42/**47q**

(…) **Applikazzjoni** għal rifjut tal-infurzar

1. Il-proċedura **biex issir applikazzjoni** għal rifjut tal-infurzar, sakemm ma tkunx koperta minn dan ir-Regolament, għandha tiġi regolata bil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.

2. L-applikant għandu jipprovdi lill-qorti kopja tad-deċiżjoni u, fejn (…) **applikabbli u possibbli, iċ-ċertifikat xieraq maħruġ skont l-Artikolu 36a jew 47l.**

**3. L-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti tista', fejn ikun meħtieġ, teħtieġ li l-applikant jipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni, skont l-Artikolu 69, ta' [il-kontenut rilevanti] taċ-ċertifikat xieraq maħruġ skont l-Artikolu 36a jew 47l li jispeċifika l-obbligu li għandu jiġi infurzat.**

**4. L-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti tista' teħtieġ li l-applikant jipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni, skont l-Artikolu 69, tad-deċiżjoni jekk ma tkunx tista' tipproċedi mingħajr tali traduzzjoni jew transliterazzjoni.**

**5.** L-**awtorità kompetenti għall-infurzar jew** il-qorti tista' tgħaddi mingħajr il-produzzjoni tad-dokumenti msemmija fil-(…)**paragrafu 2** jekk diġà jkunu fil-pussess tagħha jew jekk tqisha mhux raġonevoli li titlob lill-applikant jipprovdihom. (…) **F'dan l-aħħar każ, il-qorti tista' teħtieġ lill-parti l-oħra biex tipprovdi dawk id-dokumenti**.

**6**. Ma jkunx meħtieġ li l-parti li tkun qed titlob ir-rifjut tal-infurzar ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor ikollha indirizz postali fl-Istat Membru tal-infurzar. Ikun meħtieġ li dik il-parti jkollha rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru tal-infurzar biss jekk rappreżentant bħal dan ikun obbligatorju **bil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar** irrispettivament min-nazzjonalità (…) tal-partijiet.

Artikolu 43/**47r**

(…) **Proċeduri rapidi**

(…) **L-awtorità kompetenti għall-infurzar jew il-qorti għandha taġixxi mingħajr dewmien żejjed fi proċeduri dwar l-applikazzjoni għar-rifjut tal-infurzar.**

Artikolu 44/**47r**

**Kontestazzjoni jew a**ppell (…)

1. (…) **Deċiżjoni** dwar l-applikazzjoni għar-rifjut tal-infurzar tista' **tiġi kkontestata jew** isir appell kontriha minn kwalunkwe waħda mill-partijiet.

2. Il-**kontestazzjoni jew** l-appell għandhom jiġu ppreżentati lill-(…)**awtorità jew lill-qorti** kkomunikata mill-(…)Istat Membru **tal-infurzar** lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 **bħala l-qorti li quddiemha għandu jiġu ppreżentat appell bħal dan**.

Artikolu 45/**47r**

**Kontestazzjoni jew a**ppell ulterjuri (…)

(…) Deċiżjoni meħuda **fil-kontestazzjoni jew** fl-appell tista' tiġi kkontestata **biss** (…) **permezz ta' kontestazzjoni jew appell fejn il-qrati li quddiemhom għandhom jiġu ppreżentati kwalunkwe kontestazzjoni jew appell ulterjuri jkunu ġew** ikkomunikati mill-(…)Istat Membru **kkonċernat** lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81.

Artikolu **46/47s**

Sospensjoni tal-proċedimenti

1. L-**awtorità kompetenti għall-infurzar jew** il-qorti li quddiemha tiġi ppreżentata applikazzjoni għar-rifjut tal-infurzar jew (…) li **tisma'** appell (…) li jkun sar skont l-Artikolu 44 jew 45 tista' (…) tissospendi l-proċedimenti minħabba waħda minn dawn ir-raġunijiet:

(a) ikun ġie ppreżentat appell ordinarju **kontra d-deċiżjoni** fl-Istat Membru tal-oriġini;

(b) iż-**żmien (…) għal appell ordinarju msemmi fil-punt (a) jkun għadu ma għalaqx; jew**

**(c) il-persuna li kontriha jkun qed jintalab l-infurzar tkun applikat, f'konformità mal-Artikolu 47m, għall-irtirar ta' ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 47l.**

**2.** Meta l-**awtorità kompetenti għall-infurzar jew** il-qorti tissospendi l-proċedimenti minħabba r-raġuni msemmija fil-punt (b) **tal-paragrafu 1**, hija tista' tispeċifika l-limitu ta' żmien (…) li fih l-appell għandu jiġi ppreżentat.[58]

(…)

(…)

(…)

(…)

[58] Ara l-Premessa proposta fin-nota 54 f'qiegħ il-paġna.

TAQSIMA (…)**4**

STRUMENTI AWTENTIĊI U FTEHIMIET

**Artikolu 55a**

**Kamp ta' Applikazzjoni**

**Din it-Taqsima għandha tapplika fi kwistjonijiet ta' divorzju, separazzjoni legali u responsabbiltà tal-ġenituri għal strumenti awtentiċi li tfasslu jew ġew irreġistrati formalment, u għal ftehimiet li ġew irreġistrati, fi Stat Membru li jassumi l-ġurisdizzjoni skont il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament.**

Artikolu 55

**Rikonoxximent u infurzar ta'** strumenti awtentiċi u ftehimiet

**1. Strumenti awtentiċi u ftehimiet dwar is-separazzjoni legali u d-divorzju li jkollhom effett legali vinkolanti fl-Istat Membru tal-oriġini għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħrajn mingħajr ma tkun meħtieġa ebda proċedura speċjali. It-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu għandha tapplika skont dan, sakemm mhux previst mod ieħor f'din it-Taqsima.**[59]

[59] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"L-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bejn il-partijiet dwar separazzjoni legali u divorzju li jkollhom effett legali vinkolanti fi Stat Membru wieħed jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għal "deċiżjonijiet" għall-iskop tal-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-rikonoxximent. L-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bejn il-partijiet fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li huma infurzabbli fi Stat Membru wieħed jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għal "deċiżjonijiet" għall-iskop tal-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar.

Għalkemm l-obbligu li l-minuri jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont dan ir-Regolament ma japplikax għal strumenti awtentiċi u ftehimiet, id-dritt tal-minuri li jesprimu l-fehmiet tagħhom jibqa' japplika skont l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fid-dawl tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif implimentati skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali. Il-fatt li l-minuri ma jkunux ingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom m'għandux ikun awtomatikament raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi u ftehimiet fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri."

**2.** (…) **Strumenti awtentiċi u ftehimiet fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li għandhom effett legali vinkolanti u huma** infurzabbli (…) fl-Istat Membru (…) **tal-oriġini** għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati (…) **fi Stati Membri oħrajn mingħajr ma tkun meħtieġa ebda dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà. It-Taqsimiet 1 u 3 ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw skont dan, sakemm mhux previst mod ieħor f'din it-Taqsima.**

Artikolu 56

Ċertifikat

1. Il-**qorti jew** awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini **kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81** għandha, (…) **mal-applikazzjoni minn** parti, toħroġ (…) ċertifikat **għal strument awtentiku jew ftehim:**

**(a)** **fi kwistjonijiet matrimonjali** bl-użu tal-formola li tinsab fl-Anness [III]**;**

**(b)** **fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri bl-użu tal-formola li tinsab fl-Anness [IV].**[60]

Iċ-ċertifikat **imsemmi fil-punt (b)** għandu jkun fih deskrizzjoni fil-qosor tal-obbligu infurzabbli (…) li jkun fl-**istrument awtentiku jew fil-ftehim** (…).

**2.** **Iċ-ċertifikat jista' jinħareġ biss jekk l-Istat Membru li jkun ta s-setgħa lill-awtorità pubblika jew lil awtorità oħra biex formalment tfassal jew tirreġistra l-istrument awtentiku jew tirreġistra l-ftehim kellu ġurisdizzjoni skont il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament u jekk l-istrument awtentiku jew il-ftehim ikollu effett legali vinkolanti f'dak l-Istat Membru.**

[60] Iċ-ċertifikat għandu jkun fih kaxxa tal-immarkar li tindika jekk il-minuri ingħatax l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu jew tagħha, u jekk ma ngħatax opportunità bħal din, ir-raġunijiet għalfejn.

**3. Minkejja l-paragrafu 2, fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri ċ-ċertifikat jista' ma jinħariġx jekk ikun hemm indikazzjoni li l-kontenut tal-istrument awtentiku jew tal-ftehim imur kontra l-aħjar interessi tal-minuri.**

4. Iċ-ċertifikat għandu jimtela bil-lingwa tal-istrument awtentiku jew tal-ftehim. **Iċ-ċertifikat jista' jinħareġ ukoll b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea mitluba mill-parti. Dan ma joħloq ebda obbligu għall-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikat li tipprovdi traduzzjoni jew transliterazzjoni ta' [il-kontenut rilevanti].**

(…)

**5. Jekk iċ-ċertifikat ma jiġix prodott, strument awtentiku jew ftehim ma jiġix rikonoxxut jew infurzat fi Stat Membru ieħor.**

**Artikolu 56a**

**Rettifika u irtirar taċ-ċertifikat**

**1. Il-qorti jew awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini kif ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 għandha, mal-applikazzjoni, u tista', b'mozzjoni tagħha stess, tirrettifika ċ-ċertifikat fejn, minħabba żball materjali jew ommissjoni, ikun hemm diskrepanza bejn l-istrument awtentiku jew il-ftehim u ċ-ċertifikat.**

**2. Il-qorti jew awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, mal-applikazzjoni jew b'mozzjoni tagħha stess, għandha tirtira ċ-ċertifikat fejn ikun ingħata inġustament, filwaqt li tqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 56.**

**3. Il-proċedura, inkluż kwalunkwe appell, fir-rigward tar-rettifika jew l-irtirar taċ-ċertifikat għandha tkun regolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini.**

**Artikolu 56b**

**Raġunijiet għal rifjut ta' rikonoxximent jew infurzar**

**1. Ir-rikonoxximent ta' strument awtentiku jew ftehim dwar separazzjoni legali jew divorzju għandu jiġi rifjutat:**

**(a) jekk jidher ċar li l-imsemmi rikonoxximent huwa kuntrarju għall-politika pubblika tal-Istat Membru fejn ir-rikonoxximent qiegħed jiġi mitlub;**

**(b) jekk ikun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni, strument awtentiku jew ftehim bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru li fih ikun qiegħed jintalab ir-rikonoxximent; jew**

**(c) jekk ikun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni, strument awtentiku jew ftehim mogħti fi Stat Membru ieħor jew fi stat li mhuwiex Stat Membru bejn l-istess partijiet, dment li d-deċiżjoni, l-istrument awtentiku jew il-ftehim ta' qabel jissodisfa il-kondizzjonijiet neċessarji għar-rikonoxximent tiegħu fl-Istat Membru fejn qiegħed jintalab ir-rikonoxximent.**

**2. Ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' strument awtentiku jew ftehim fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri għandu jiġi rifjutat:**

**(a) jekk l-imsemmi rikonoxximent jidher ċar li huwa kuntrarju għall-politika pubblika tal-Istat Membru li fih ir-rikonoxximent qiegħed jiġi mitlub, wara li jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi tal-minuri;**

**(b) fuq it-talba ta' kwalunkwe persuna li tiddikjara li l-istrument awtentiku jew il-ftehim jikser ir-responsabbiltà tal-ġenituri tagħha, jekk l-istrument awtentiku kien imfassal jew irreġistrat, jew il-ftehim ġie konkluż jew irreġistrat, mingħajr l-involviment ta' dik il-persuna;**

**(c) jekk u sa fejn ikun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni, strument awtentiku jew ftehim fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri mogħti aktar tard fl-Istat Membru fejn qed jiġi invokat ir-rikonoxximent jew jintalab l-infurzar;**

**(d) jekk u sa fejn ikun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni, strument awtentiku jew ftehim fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri mogħti aktar tard fi Stat Membru ieħor jew fi stat li mhuwiex Stat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri dment li d-deċiżjoni, l-istrument awtentiku jew il-ftehim mogħti aktar tard ikopri l-kondizzjonijiet neċessarji għar-rikonoxximent tiegħu fl-Istat Membru fejn ikun qed jintalab ir-rikonoxximent.**

**3. Ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' strument awtentiku jew ftehim fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri jista' jiġi rifjutat jekk l-istrument awtentiku jkun tfassal jew ġie rreġistrat formalment, jew il-ftehim ikun ġie rreġistrat, mingħajr ma l-minuri li huwa kapaċi jifforma l-fehmiet proprji tiegħu ma jkun ingħata l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu.**

TAQSIMA (…)**5**

(…) DISPOŻIZZJONIJIET **OĦRA**

(…)

(…)

Artikolu 50

Projbizzjoni ta' rieżami tal-ġurisdizzjoni (…) tal-**qorti** tal-oriġini

Il-ġurisdizzjoni (…) tal-**qorti** tal-Istat Membru tal-oriġini ma tistax tiġi rieżaminata. Il-prova tal-politika pubblika msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 37 u l-punt (a) tal-Artikolu 38 ma tistax tiġi applikata għar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni msemmijin fl-Artikoli 3 sa (…) **13**.

Artikolu 51

Differenzi fil-liġi applikabbli

Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni fi kwistjonijiet matrimonjali ma tistax tiġi rrifjutata minħabba li l-liġi tal-Istat Membru fejn jintalab dan ir-rikonoxximent ma tippermettix id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieg fuq il-bażi tal-istess fatti.

Artikolu 52

Nuqqas ta' rieżami tal-mertu

Deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor ma tista' f'ebda ċirkostanza tiġi rieżaminata fir-rigward tal-mertu tagħha.

**Artikolu 52a**

**Appell f'ċerti Stati Membri**

**Meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet fl-Irlanda, f'Ċipru jew fir-Renju Unit, kull forma ta' appell disponibbli fl-Istat Membru tal-oriġini għandha tiġi ttrattata bħala appell ordinarju għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.**

(…)

(…)

Artikolu 57

Kostijiet

Dan il-Kapitolu japplika wkoll għall-kalkolu tal-ammont ta' kostijiet u spejjeż tal-proċedimenti taħt dan ir-Regolament u l-infurzar ta' kull ordni rigward dawn il-kostijiet u spejjeż.

Artikolu 58

Għajnuna legali

**1.** Applikant li, fl-Istat Membru tal-oriġini, kien ibbenefika minn għajnuna legali sħiħa jew parzjali jew minn eżenzjoni mill-kostijiet jew mill-ispejjeż għandu jkun intitolat, fil-proċeduri previsti (…) fl-Artikoli (…)**27(3), 39, u 42/47q,** rilevanti għall-proċeduri kollha dwar rikonoxximent, infurzar, nuqqas ta' rikonoxximent u nuqqas ta' infurzar li jibbenefika mill-għajnuna legali li tkun l-aktar favorevoli jew mill-eżenzjoni l-aktar estensiva mill-kostijiet u mill-ispejjeż previsti mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.

**2. Applikant li, fl-Istat Membru tal-oriġini, ikun ibbenefika minn proċediment bla ħlas quddiem awtorità amministrattiva kkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 għandu jkun intitolat, fi kwalunkwe proċedura elenkata fil-paragrafu 1, li jibbenefika mill-għajnuna legali skont il-paragrafu 1. Għal dak l-għan, il-parti għandha tippreżenta dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini li tgħid li hija tissodisfa r-rekwiżiti finanzjarji sabiex tikkwalifika għall-għotja ta' għajnuna legali sħiħa jew parzjali jew eżenzjoni mill-kostijiet jew l-ispejjeż.**

Artikolu 59

Titoli ta' sigurtà, garanzija jew depożitu

Ebda titolu ta' sigurtà, garanzija jew depożitu, indipendentement minn kif ikun deskritt, ma għandu jkun meħtieġ minn parti li fi Stat Membru tapplika għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor għar-raġuni li tkun ċittadin barrani jew li ma tkunx (…) residenti abitwalment fl-Istat Membru tal-infurzar.

## KAPITOLU V

## KOOPERAZZJONI (…) FI KWISTJONIJIET TA' RESPONSABBILTÁ TAL-ĠENITURI[61]

[61] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri ma japplikawx għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li, skont l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u l-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, mhumiex proċedimenti dwar il-mertu tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Madankollu jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tkun ikkomplementata mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar is-sekwestru internazzjonali ta' minuri u mid-dispożizzjonijiet ġenerali."

Ara wkoll il-Premessa proposta fin-nota 3 f'qiegħ il-paġna.

Artikolu 60

**Ħatra ta' Awtoritajiet Ċentrali**[62]

Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità ċentrali waħda biex jassistuh bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u għandu jispeċifika l-ġurisdizzjoni ġeografika jew funzjonali ta' kull waħda . Fejn Stat Membru jaħtar aktar minn Awtorità Ċentrali waħda, il-komunikazzjonijiet għandhom normalment jintbagħtu direttament lill-Awtorità Ċentrali rilevanti li għandha l-ġurisdizzjoni. Fejn tintbagħat komunikazzjoni lill-Awtorità Ċentrali mingħajr ġurisdizzjoni, din tal-aħħar għandha (…) **tibgħatha** lill-Awtorità Ċentrali bil-ġurisdizzjoni u tinforma(…) lil min bagħatha skont dan.

(…)

Artikolu 62

Kompiti ġenerali (…) tal-Awtoritajiet Ċentrali

**1.** (…) L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni dwar il-liġijiet nazzjonali (…), il-proċeduri u **s-servizzi disponibbli fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri** u jieħdu l-**miżuri li huma jikkunsidraw** adatti (…) biex titjieb l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament (…).

**2. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkooperaw u jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tagħhom biex jintlaħqu l-finijiet ta' dan ir-Regolament.**

**3.** Għal (…) **dawn** il-fini**jiet jista'** jintuża n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (…).

---

62 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, jenħtieġ li jinħatru Awtoritajiet Ċentrali fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-ħatra tal-istess Awtorità Ċentrali għal dan ir-Regolament u għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u dik tal-1996. Jenħtieġ li jiżguraw li l-Awtoritajiet Ċentrali ikollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont dan ir-Regolament."

**Artikolu 62a**

**Talbiet permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali**

**1. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom, fuq talba minn Awtorità Ċentrali ta' Stat Membru ieħor, jikkooperaw f'każijiet individwali biex jintlaħqu l-finijiet ta' dan ir-Regolament.**

**2. Talbiet skont dan il-Kapitolu jistgħu isiru minn qorti jew awtorità kompetenti. It-talbiet skont il-punti (c) u (g) tal-Artikolu 63 u l-punt (c) tal-Artikolu 64(1) jistgħu jsiru wkoll mid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri.**

**3. Ħlief f'każijiet urġenti u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 67a, talbiet skont dan il-Kapitolu jistgħu jiġu ppreżentati lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru tal-qorti rikjedenti jew awtorità kompetenti jew tar-residenza abitwali tal-applikant.**[63]

[63] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Bl-eċċezzjoni għal każijiet urġenti, u mingħajr preġudizzju għall-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni diretta bejn il-qrati permessa skont dan ir-Regolament, it-talbiet skont dan ir-Regolament dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri jistgħu jsiru mill-qrati u mill-awtoritajiet kompetenti u jenħtieġ li jitressqu quddiem l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti rikjedenti. Ċerti talbiet jistgħu jsiru wkoll mid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri u jenħtieġ li jitressqu quddiem l-Awtorità Ċentrali tar-residenza abitwali tal-applikant. Tali talbiet jenħtieġ li jkun fihom talbiet għal informazzjoni u assistenza lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri li qegħdin jitolbu r-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fit-territorju tal-Awtorità Ċentrali rikjesta b'mod partikolari dwar id-drittijiet ta' aċċess u r-ritorn tal-minuri, inkluż, fejn meħtieġ, informazzjoni dwar kif jakkwistaw l-għajnuna legali; talbiet biex ikun iffaċilitat ftehim bejn id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri permezz tal-medjazzjoni jew b'mezzi oħra ta' riżoluzzjoni alternattiva għat-tilwim, u talbiet lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti biex tqis il-ħtieġa li tieħu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà tal-minuri.

Eżempju ta' każ urġenti li jippermetti l-kuntatt inizjali dirett mal-qorti jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest jista' jkun talba diretta lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex tqis il-ħtieġa li jittieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-minuri fejn il-minuri jkunu preżunti li jinsabu f'riskju imminenti.

L-obbligu li l-proċedura ssir permezz tal-mezzi tal-Awtorità Ċentrali jenħtieġ li jkun obbligatorju biss f'talbiet inizjali; kwalunkwe komunikazzjoni sussegwenti mal-qorti, awtorità kompetenti jew applikant tista' wkoll issir direttament."

**4. Dan l-Artikolu ma jipprekludix lill-Awtoritajiet Ċentrali jew l-awtoritajiet kompetenti milli jidħlu fi jew iżommu ftehimiet jew arranġamenti eżistenti mal-Awtoritajiet Ċentrali jew l-awtoritajiet kompetenti[64] ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri l-oħrajn li jippermettu komunikazzjonijiet diretti fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom.**

**5. Dan il-Kapitolu ma jipprekludi l-ebda detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri milli japplika direttament lill-qrati ta' Stat Membru ieħor.**

**6. Xejn fl-Artikolu 63 u fl-Artikolu 64 ma għandu jimponi obbligu fuq Awtorità Ċentrali li teżerċita setgħat li jistgħu jkunu eżerċitati biss minn awtoritajiet ġudizzjarji taħt il-liġi tal-Istat Membru rikjest.**

Artikolu 63

(…) **Kompiti speċifiċi tal-Awtoritajiet Ċentrali rikjesti**

(…) L-Awtoritajiet Ċentrali **rikjesti** għandhom, (…) waqt li jaġixxu direttament jew permezz tal-**qrati**, l-awtoritajiet **kompetenti** jew korpi oħra, jieħdu l-passi adatti kollha biex:

(a) jipprovdu (…) assistenza**, skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali,** biex jiġi skopert fejn jinsab il-minuri meta jidher li l-minuri jista' jkun preżenti ġewwa t-territorju tal-Istat Membru rikjest u (…) **dik l-informazzjoni** tkun meħtieġa biex issir **applikazzjoni jew** talba taħt dan ir-Regolament;

64 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Jenħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali jew l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux preklużi milli jidħlu fi jew iżommu ftehimiet jew arranġamenti eżistenti mal-Awtoritajiet Ċentrali jew l-awtoritajiet kompetenti ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri l-oħrajn li jippermettu komunikazzjonijiet diretti fir-relazzjonijiet reċiproċi tiegħu. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinfurmaw lill-Awtoritajiet Ċentrali tagħhom dwar tali ftehimiet jew arranġamenti."

(b) jiġbru u jiskambjaw l-informazzjoni **rilevanti fil-proċeduri fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri** taħt l-Artikolu 64;

(c) jipprovdu informazzjoni u assistenza lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri li qegħdin jitolbu r-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet (…) fit-territorju **tal-Awtorità Ċentrali rikjesta**, u b'mod partikolari dwar id-drittijiet ta' aċċess u r-ritorn tal-minuri**, inkluż, fejn meħtieġ, informazzjoni dwar kif jakkwistaw l-għajnuna legali**;

(d) jiffaċilitaw il-komunikazzjoni(…) bejn il-**qrati**, l-awtoritajiet **kompetenti u korpi oħra involuti**,[65] b'mod partikolari għall-applikazzjoni tal-Artikolu (…)**64a**;

**(e) jiffaċilitaw[66] il-komunikazzjoni bejn il-qrati, fejn meħtieġ, b'mod partikolari għall-applikazzjoni tal-Artikoli 12, 12a, 14 u 19;**

---

[65] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"F'każijiet speċifiċi fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Awtoritajiet Ċentrali jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin biex jipprovdu assistenza lill-qrati nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti u korpi oħra kif ukoll lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Dawn il-korpi l-oħra jistgħu jinkludu, pereżempju, organizzazzjonijiet mhux governattivi li joffru faċilitajiet biex isir kuntatt sorveljat jew korp ġeneralment imsejjaħ bħala Assistenza tal-Qorti tal-Familja li teżisti f'xi Stati Membri. L-assistenza mogħtija mill-Awtorità Ċentrali rikjesta jenħtieġ li tinkludi, b'mod partikulari, il-lokalizzazzjoni tal-minuri, direttament jew permezz tal-qrati, ta' awtoritajiet kompetenti jew ta' korpi oħra, meta dan ikun meħtieġ biex titwettaq talba skont dan ir-Regolament, u l-għoti ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti fil-proċedimenti fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri."

[66] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Jenħtieġ ukoll li l-Awtoritajiet Ċentrali rikjesti jieħdu l-passi kollha adatti biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn il-qrati, fejn meħtieġ, b'mod partikolari għall-applikazzjoni tar-regoli dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni, b'miżuri proviżorji, inkluż miżuri protettivi f'każijiet urġenti, b'mod partikolari fejn huma relatati mas-sekwestru internazzjonali ta' minuri u mmirati biex jimminimizzaw ir-riskju msemmi f'punt (b) tal-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, u dwar *lis pendens* u azzjonijiet dipendenti. Għal dan il-għan, l-għoti ta' informazzjoni għal komunikazzjoni diretta ulterjuri tista' tkun suffiċjenti f'xi każijiet (pereżempju, l-għoti ta' dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet tal-interessi tal-minuri, maġistrati tan-netwerk jew il-qorti kompetenti)."

**(f)** jipprovdu tali informazzjoni u assistenza kif ikun meħtieġ mill-**qrati u** l-awtoritajiet **kompetenti** għall-applikazzjoni tal-Artikolu 65; **u**

**(g)** jiffaċilitaw il-ftehim bejn id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri permezz ta' medjazzjoni jew metodi oħra **ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim**, u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera għal dan il-għan (…).

(…)

Artikolu 64

Il-kooperazzjoni dwar il-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni **rilevanti fil-proċeduri fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri**

1. Fuq talba magħmula b'raġunijiet ta' sostenn (…), l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru fejn il-minuri jgħix jew jinsab **jew kien** jgħix (…) **jew** jinsab abitwalment (…), direttament jew permezz tal-**qrati**, l-awtoritajiet **kompetenti** jew korpi oħra:

(a) **għandha, fejn ikun disponibbli**, **tipprovdi, jew tfassal u** tipprovdi rapport **dwar**:

(i) (…) is-sitwazzjoni tal-minuri;

(ii) (…) kwalunkwe proċedura li **għaddejja** (…) **fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri għal**l-minuri; jew

(iii) (…) deċiżjonijiet meħuda (…) **fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri għall-minuri**;

(b) **għandha tipprovdi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għall-proċeduri fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri fl-Istat membru rikjedenti, b'mod partikolari dwar is-sitwazzjoni ta' ġenitur, familjari jew persuna oħra li tista' tkun adatta biex tieħu ħsieb il-minuri, jekk is-sitwazzjoni tal-minuri titlob hekk; jew**

(c) **tista'** titlob lill-**qorti jew** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tagħha biex tqis il-ħtieġa li jittieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tal-minuri.

(…)

**2. Fi kwalunkwe każ fejn il-minuri jkunu esposti għal periklu serju, il-qorti jew l-awtorità kompetenti li tikkontempla li tieħu jew li tkun ħadet miżuri għall-protezzjoni tal-minuri, jekk tkun taf li r-residenza tal-minuri tkun inbidlet għal, jew li l-minuri jinsab fi, Stat Membru ieħor, għandha tinforma lill-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru dwar il-periklu involut u l-miżuri meħuda jew li qed jiġu kkunsidrati. Din l-informazzjoni tista' tintbagħat direttament jew permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali.**

**3. It-talbiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 u kwalunkwe dokument addizzjonali għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru rikjest jew, fejn ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, bil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn għandha titwettaq it-talba, jew kwalunkwe lingwa oħra li l-Istat Membru rikjest jaċċetta espressament. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw din l-aċċettazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 81.**

**4. Ħlief meta jkun hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li jagħmlu dan impossibbli,[67] l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tasal it-talba.**

[67] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Billi fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri ż-żmien huwa prezzjuż, l-informazzjoni mitluba skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-kooperazzjoni, inkluż dwar il-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti fi proċeduri ta' kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u d-deċiżjoni tal-għoti jew tar-rifjut tal-approvazzjoni għat-tqegħid tal-minuri fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li tintbagħat lill-Istat Membru rikjedenti mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru rikjest sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-wasla tat-talba, ħlief meta ċirkostanzi eċċezzjonali jagħmlu dan impossibbli li jsir. Dan jenħtieġ li jinkludi l-obbligu li l-awtorità nazzjonali kompetenti tipprovdi l-informazzjoni lill-Awtorità Ċentrali rikjesta, jew tispjega għaliex ma tistax tipprovdiha, qabel jagħlaq iż-żmien li fih tista' tagħmel dan f'konformità ma' din l-iskadenza. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti jenħtieġ li jistinkaw biex jipprovdu t-tweġiba saħansitra qabel ma jagħlaq iż-żmien massimu."

**Artikolu 64a**

**Implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri fi Stat Membru ieħor**

**1. Qorti ta' Stat Membru tista' titlob lill-qrati jew lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex jassistu fl-implimentazzjoni[68] tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri meħuda taħt dan ir-Regolament, b'mod partikolari għall-iżgurar tal-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess.**

**2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 u kwalunkwe dokument li jkun magħha għandhom ikunu akkompanjati minn traduzzjoni bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru rikjest jew, fejn ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, bil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn għandha titwettaq it-talba, jew kwalunkwe lingwa oħra li l-Istat Membru rikjest jaċċetta espressament. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw din l-aċċettazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 81.**

68 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Meta qorti ta' Stat Membru tkun diġà ħadet deċiżjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri jew tkun qed tikkontempla din id-deċiżjoni u l-implimentazzjoni għandha sseħħ fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li l-qorti tkun tista' titlob li l-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor jassistu fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni. Dan għandu japplika, pereżempju, għal deċiżjonijiet li jippermettu aċċess sorveljat li għandu jiġi eżerċitat fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn tkun lokalizzata l-qorti li tordna l-aċċess jew li jinvolvu kwalunkwe miżura ta' akkumpanjament oħra tal-qorti jew tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn għandha tiġi implimentata d-deċiżjoni."

Artikolu 65

Tqegħid tal-minuri fi Stat Membru ieħor[69]

[69] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Fejn deċiżjoni għat-tqegħid ta' minuri fil-kustodja istituzzjonali jew f'familja tkun qed tiġi kkontemplata fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri, il-qorti jenħtieġ li tqis, fl-aktar stadju bikri tal-proċedimenti, miżuri xierqa biex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-minuri, b'mod partikolari d-dritt li jippreservaw l-identità etnika tagħhom u jżommu kuntatt mal-ġenituri, jew, fejn xieraq, ma' familjari oħra, fid-dawl tal-Artikoli 8, 9 u 20 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Fejn il-qorti hija konxja ta' konnessjoni mill-qrib tal-minuri ma' Stat Membru ieħor, miżuri xierqa jistgħu jinkludu b'mod partikolari, fejn il-punt(b) tal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari huwa applikabbli, notifika lill-korp Konsulari ta' dak l-Istat Membru. Il-qorti tista' ssir konxja wkoll ta' dan minn informazzjoni pprovduta mill-Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Miżuri xierqa oħrajn jistgħu jinkludu wkoll talba skont dan ir-Regolament lil dak l-Istat Membru għal informazzjoni dwar ġenitur, familjari jew persuni oħra li jistgħu jkunu adatti biex jieħdu ħsieb il-minuri. Barra minn hekk, skont iċ-ċirkostanzi, il-qorti tista' titlob ukoll informazzjoni dwar il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet rigward ġenitur jew aħwa tal-minuri. L-aħjar interessi tal-minuri għandhom jibqgħu l-kunsiderazzjoni ewlenija. B'mod partikolari, l-ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma għandha taffettwa l-liġi jew il-proċedura nazzjonali applikabbli għal kwalunkwe deċiżjoni ta' tqegħid meħuda mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li tikkontempla t-tqegħid. B'mod partikolari, din ma tpoġġi l-ebda obbligu fuq l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni li jqiegħed lill-minuri fl-Istat Membru l-ieħor jew tkompli tinvolvi lil dak l-Istat Membru fid-deċiżjoni jew il-proċedimenti tat-tqegħid."

1. Fejn (…) **qorti jew awtorità kompetenti**, (…) tikkontempla t-tqegħid ta' minuri fi Stat Membru ieħor[70], (…) l-ewwel għandha tikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor. Għal dak il-għan (…) l-Awtorità Ċentrali (…) tal-Istat Membru **rikjedenti għandha** tibgħat lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru **rikjedenti** fejn għandu jitqiegħed il-minuri, talba għal kunsens li tinkludi rapport dwar il-minuri flimkien mar-raġunijiet għat-tqegħid jew għall-provediment ta' kura propost, **informazzjoni dwar il-finanzjament kontemplat u kwalunkwe informazzjoni oħra li tikkunsidra rilevanti, bħad-durata mistennija tat-tqegħid**.[71]

70 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Kwalunkwe tip ta' tqegħid ta' minuri fil-kura ta' familja – jiġifieri, skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali, ma' individwu wieħed jew aktar – jew f'kustodja istituzzjonali, pereżempju f'orfanatrofju jew dar tat-tfal, fi Stat Membru ieħor jenħtieġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jiġix eskluż espliċitament, bħalma huwa l-każ ta' tqegħid bi ħsieb ta' adozzjoni, tqegħid ma' ġenitur jew, fejn applikabbli, ma' kwalunkwe familjari qarib ieħor kif iddikjarata mill-Istat Membru riċeventi. B'riżultat ta' dan, anke "tqegħid edukattiv" ordnat minn qorti jew organizzat minn awtorità kompetenti bil-qbil tal-ġenituri jew tal-minuri jew fuq talba tagħhom wara imġiba devjanti tal-minuri, jenħtieġ li jiġi inkluż. Huwa biss it-tqegħid – kemm jekk edukattiv jew punittiv – ordnat jew irranġat wara att tal-minuri li jista' jammonta għal att punibbli skont il-liġi kriminali nazzjonali, jekk imwettaq minn adult irrispettivament minn jekk fil-każ partikolari dan jista' jwassal għal kundanna, li jenħtieġ li jiġi eskluż."

71 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Fejn qorti jew awtorità kompetenti ta' Stat Membru tqis it-tqegħid ta' minuri fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li titwettaq proċedura ta' konsultazzjoni biex jinkiseb il-kunsens qabel it-tqegħid. Il-qorti jew l-awtorità kompetenti li tqis it-tqegħid jenħtieġ li tikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-minuri jkun ser jitqiegħed fih qabel ma tordna jew tirranġa t-tqegħid. Jenħtieġ li n-nuqqas ta' tweġiba fi żmien tliet xhur ma jinftehimx bħala kunsens u mingħajr kunsens it-tqegħid jenħtieġ li ma jsirx. It-talba għall-kunsens jenħtieġ li tinkludi mill-anqas rapport dwar il-minuri flimkien mar-raġunijiet għall-proposta tat-tqegħid jew l-għoti ta' kura, kemm mistenni jdum it-tqegħid, informazzjoni dwar kwalunkwe finanzjament, issupplimentata minn kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat Membru rikjest jista' jqis bħala pertinenti bħal kwalunkwe superviżjoni prevista tal-miżura, l-arranġamenti għall-kuntatt mal-ġenituri, familjari oħra jew persuni li magħhom il-minuri għandu relazzjoni mill-qrib, jew ir-raġunijiet għaliex tali kuntatt mhux kontemplat fid-dawl tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

B'kont meħud tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn il-kunsens għat-tqegħid ikun ingħata għal perijodu speċifiku ta' żmien, dak il-kunsens jenħtieġ li ma japplikax għal deċiżjonijiet jew arranġamenti li jestendu d-durata tat-tqegħid. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li ssir talba ġdida għall-kunsens."

**1a. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn il-minuri għandu jitqiegħed ma' ġenitur.**

**L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-kunsens tagħhom skont il-paragrafu 1 ma jkunx meħtieġ għal tqegħid fi ħdan it-territorju tagħhom stess ma' ċerti kategoriji ta' qraba minbarra ġenituri. Dawn il-kategoriji għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81.**

**1b. L-Awtorità Ċentrali ta' Stat Membru ieħor tista' tgħarraf lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti li tikkontempla tqegħid ta' minuri b'konnessjoni mill-qrib tal-minuri ma' dak l-Istat Membru. Dan m'għandux jaffettwa l-liġi u l-proċedura nazzjonali tal-Istat Membru li jikkontempla t-tqegħid.**

2. It-talba u (…) **kwalunkwe** dokument **addizzjonali** msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni bil-lingwa uffiċjali **tal-Istat Membru rikjest jew, fejn ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, bil-lingwa uffiċjali** jew waħda mil-lingwi uffiċjali (…) tal-**post fejn għandha titwettaq it-talba, jew** kwalunkwe lingwa oħra li l-Istat Membru rikjest jaċċetta espressament. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw din l-aċċettazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 81.

3. It-tqegħid (…) imsemmi fil-paragrafu 1 (…) **jista'** jiġi **ordnat jew organizzat biss** (…) mill-Istat Membru rikjedenti (…) **wara** li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest tkun tat il-kunsens għal dan it-tqegħid.

4. Ħlief meta jkun hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li jagħmlu dan impossibbli, id-deċiżjoni (…) tal-għoti jew tar-rifjut tal-kunsens **għandha tintbagħat** lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti sa mhux aktar tard minn (…) **tliet** xhur wara li tiġi riċevuta t-talba.[72]

[72] Ara l-Premessa proposta fin-nota 67 f'qiegħ il-paġna.

5. Il-proċedura għall-akkwist tal-kunsens għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest[73].

**6. Dan l-Artikolu ma jipprekludix lill-Awtoritajiet Ċentrali jew l-awtoritajiet kompetenti milli jidħlu fi jew iżommu ftehimiet jew arranġamenti eżistenti mal-Awtoritajiet Ċentrali jew l-awtoritajiet kompetenti ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri l-oħrajn billi jissimplifikaw il-proċedura ta' konsultazzjoni għall-kisba tal-kunsens fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom.**

Artikolu 66

(…) **Spejjeż tal-Awtoritajiet Ċentrali**

(…) **1.** L-assistenza provduta mill-Awtoritajiet Ċentrali skont dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr ħlas.

**2.** Kull Awtorità Ċentrali għandha ġġarrab l-ispejjeż tagħha stess **fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament**.

Artikolu 67

Laqgħat **tal-Awtoritajiet Ċentrali**

1. L-Awtoritajiet Ċentrali, biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiltaqgħu regolarment.

73 Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Barra minn hekk, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli u proċeduri ċari għall-finijiet tal-kunsens imsemmi f'dan ir-Regolament, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u l-ħeffa. Fost l-oħrajn, jenħtieġ li l-proċeduri jippermettu lill-awtorità kompetenti tagħti jew tirrifjuta l-kunsens tagħha minnufih."

2. Il-laqgħat tal-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jissejħu**, b'mod partikolari, mill-Kummissjoni**[74] fi ħdan il-qafas tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali skont id-Deċiżjoni Nru 2001/470/KE.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

**Artikolu 67*a0***

**Kamp ta' Applikazzjoni**

**Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-ipproċessar ta' talbiet u applikazzjonijiet skont il-Kapitoli III sa V ta' dan ir-Regolament.**

**Artikolu 67a**

**Kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn il-qrati**

**1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-qrati jistgħu jikkooperaw u jikkomunikaw direttament ma' xulxin, jew jitolbu informazzjoni direttament lil xulxin dment li tali komunikazzjoni tirrispetta d-drittijiet proċedurali tal-partijiet għall-proċedimenti u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni.**

[74] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:
"Il-fatt li l-laqgħat tal-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jissejħu, b'mod partikolari, mill-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali skont id-Deċiżjoni Nru 2001/470/KE, jenħtieġ li ma jipprekludix li jiġu organizzati laqgħat oħra tal-Awtoritajiet Ċentrali."

**2. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi implimentata bi kwalunkwe mezz li l-qorti tikkunsidra adatt. Hija tista' b'mod partikolari, tikkonċerna:**

**(a) komunikazzjoni għall-finijiet tal-Artikoli 12 u 12a;**

**(b) informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14;**

**(c) informazzjoni dwar proċedimenti pendenti għall-finijiet tal-Artikolu 19;**

**(d) komunikazzjoni għall-finijiet tal-Kapitoli III sa V.**

**Artikolu 65a**

**Ġbir u trasmissjoni ta' informazzjoni[75]**

[75] Għandhom jiżdiedu żewġ Premessi skont dan li ġej:

(R1) "Sakemm dan ir-Regolament ma jipprevedix mod ieħor, ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 jenħtieġ li japplika għall-ipproċessar tad-data personali mill-Istat Membru mwettaq b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, sabiex ma jkunx ipperikolat it-twettiq tat-talba skont dan ir-Regolament, pereżempju għar-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja dwar is-Sekwestru ta' Minuri tal-1980 jew biex qorti tqis il-ħtieġa li jittieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tal-minuri, in-notifika tas-suġġett tad-data kif mitlub mill-Artikolu 14(1)-(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/679, pereżempju dwar id-data mitluba għal-lokalizzazzjoni tal-minuri, tista' tiġi deferita sakemm it-talba li għaliha tintalab din l-informazzjoni tkun twettqet. Din l-eċċezzjoni qed issir skont l-Artikolu 14(5) kif ukoll il-punti (f), (g), (i) u (j) tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 2016/679."

(R2) "Dan ma jipprekludix intermedjarju, qorti jew awtorità kompetenti li lilha tkun ġiet trasmessa l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, milli tieħu miżuri għall-protezzjoni tal-minuri, jew milli tippermetti li jittieħdu tali miżuri, fejn il-minuri jkun fil-periklu jew ikun hemm indikazzjonijiet ta' riskju bħal dan."

**1. L-Awtorità Ċentrali rikjesta għandha tibgħat, kwalunkwe applikazzjoni, talba jew l-informazzjoni li tinsab hemmhekk fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri jew sekwestru internazzjonali ta' minuri, kif adatt, skont dan ir-Regolament lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti ġewwa l-Istat Membru tagħha jew intermedjarju ieħor kif xieraq skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali.**

**2. Kwalunkwe intermedjarju, qorti jew awtorità kompetenti li lilhom tkun trażmessa taħt dan ir-Regolament l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jużawha biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.**

**3. L-intermedjarju, il-qorti jew l-awtorità kompetenti li għandha jew hija kompetenti li tiġbor, ġewwa l-Istat rikjest, l-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq ta' talba jew ta' applikazzjoni skont dan ir-Regolament, għandha tipprovdi din l-informazzjoni lill-Awtorità Ċentrali rikjesta fuq talba tagħha f'każijiet fejn l-Awtorità Ċentrali rikjesta ma jkollhiex aċċess dirett għaliha.**

**4. L-Awtorità Ċentrali rikjesta għandha tibgħat, skont il-ħtieġa, l-informazzjoni hekk miksuba lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti skont il-liġi u l-proċedura nazzjonali.**

**Artikolu 67b**

**Notifika lis-suġġett tad-data**

**Fejn hemm riskju li din taf tippreġudika t-twettiq effettiv tat-talba skont dan ir-Regolament li għalih tkun qed tintbagħat l-informazzjoni, l-obbligu li jiġi notifikat is-suġġett tad-data skont l-Artikolu 14 (1) u (4) tar-Regolament (UE) 2016/679 jista' jiġi differit sakemm titwettaq it-talba.**[76]

**Artikolu 67c**

**Nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni**[77]

76 Ara l-Premessa proposta fin-nota 75 f'qiegħ il-paġna.

77 It-test li ġej għandu jiżdied wara l-Premessa proposta fin-nota 75 f'qiegħ il-paġna:

"F'każijiet fejn id-divulgazzjoni jew il-konferma tal-informazzjoni rilevanti tista' jqiegħed f'riskju l-aħjar interessi tal-minuri, pereżempju fejn tkun seħħet il-vjolenza domestika u l-qorti ordnat li l-indirizz il-ġdid tal-minuri ma jiġix divulgat lill-applikant, dan ir-Regolament jagħmel li jista' biex isib bilanċ delikat. Filwaqt li dan ir-Regolament jipprevedi li jenħtieġ li Awtorità Ċentrali, qorti jew awtorità kompetenti ma tiddivulgax jew ma tikkonfermax lill-applikant jew lil parti terza kwalunkwe informazzjoni miġbura jew mibgħuta għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jekk tiddetermina li dan jista' jipperikola s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà tal-minuri jew ta' persuna oħra, ir-Regolament madankollu jissottolinja li dan jenħtieġ li ma jimpedixxix il-ġbir u t-trasmissjoni tal-informazzjoni minn u bejn l-Awtoritajiet Ċentrali, il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti sakemm ikun meħtieġ biex jitwettqu l-obbligi skont dan ir-Regolament. Dan ifisser li fejn possibbli u xieraq, applikazzjoni tista' tiġi pproċessata skont dan ir-Regolament mingħajr ma l-applikant jingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jipproċessaha. Pereżempju, fejn il-liġi nazzjonali hekk tipprevedi, Awtorità Ċentrali tista' tagħmel rikors f'isem applikant mingħajr ma tgħaddi l-informazzjoni lill-applikant dwar fejn jinsab il-minuri. Madankollu, f'każijiet fejn is-sempliċi talba tista' tkun diġà tipperikola s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà tal-minuri jew ta' persuna oħra, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda obbligu skont dan ir-Regolament li ssir tali talba."

**1. Awtorità Ċentrali, qorti jew awtorità kompetenti m'għandhiex tiddivulga jew tikkonferma informazzjoni miġbura jew trasmessa għall-finijiet tal-Kapitoli III sa VI jekk tiddetermina li meta tagħmel dan tista' tipperikola s-saħħa, is-sigurtà jew il-libertà tal-minuri jew ta’ persuna oħra.**

**2. Determinazzjoni għal dan il-għan li ssir fi Stat Membru wieħed għandu jittieħed kont tagħha mill-Awtoritajiet Ċentrali, il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati membri l-oħra, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjolenza domestika.**

3. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jimpedixxi l-ġbir jew it-trasmissjoni tal-informazzjoni minn u bejn l-Awtoritajiet Ċentrali, il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti sa fejn ikun meħtieġ li jitwettqu l-obbligi skont il-Kapitoli III sa VI.

Artikolu 68

Legalizzazzjoni jew formalità oħra simili

L-ebda legalizzazzjoni jew formalità simili oħra ma għandha tkun meħtieġa (…) **fil-kuntest ta' dan ir-Regolament**.

Artikolu 69

(…) **Lingwi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-punt (a) tal-Artikolu 35/**47j**(2), fejn traduzzjoni jew transliterazzjoni tkun meħtieġa skont dan ir-Regolament, dik it-traduzzjoni jew transliterazzjoni tkun fl-ilsien uffiċjali tal-Istat Membru konċernat jew, meta jkun hemm diversi ilsna uffiċjali f'dak l-Istat Membru, fl-ilsien uffiċjali jew wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-proċedimenti tal-qorti tal-post fejn tiġi invokata deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor jew fejn issir applikazzjoni, f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru.

2. It-traduzzjonijiet jew it-transliterazzjonijiet tal-kontenut rilevanti taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikoli (…)**36a, 47l** u 56 jistgħu jkunu f'ilsien uffiċjali ieħor jew fl-ilsna tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li l-Istat Membru konċernat ikun innotifika li jista' jaċċettahom f'konformità mal-Artikolu 81.

**3.** (…) **L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni bl-ilsien jew bl-ilsna uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għajr dik tagħhom stess li fihom jistgħu jiġu aċċettati komunikazzjonijiet lill-Awtoritajiet Ċentrali.**

4. Kull traduzzjoni mitluba għall-finijiet tal-Kapitol**i III u** IV ta' dan ir-Regolament issir minn persuna kwalifikata li tagħmel it-traduzzjonijiet f'wieħed mill-Istati Membri.

KAPITOLU VII

ATTI DELEGATI

Artikolu 70

Emendi għall-annessi

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 71 rigward l-emenda (…) **tal-Annessi [rilevanti]**[78] **sabiex taġġorna jew tagħmel bidliet tekniċi f'dawk l-Annessi.**

[78] Ir-referenzi għall-Annessi jiddaħħlu aktar tard.

Artikolu 71

Eżerċizzju tad-delegazzjoni

1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati hija konferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 70 tiġi konferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn [data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 70 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ġġib fi tmiemha d-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Mhix ser taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Kunsill.

6. Att delegat skont l-Artikolu 70 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn ta' notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill jinforma lill-Kummissjoni li mhix ser toġġezzjona. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.

7. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat bl-adozzjoni tal-atti delegati mill-Kummissjoni, bi kwalunkwe oġġezzjoni fformulata għalihom, jew bir-revoka tad-delegazzjoni tas-setgħat mill-Kunsill.

KAPITOLU VIII

RELAZZJONIJIET MA' STRUMENTI OĦRA

Artikolu 72

Relazzjoni**jiet** ma' strumenti oħra[79]

**1.** Soġġett għad-dispożizzjonijet tal-**paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u** l-Artikoli 73 (…) **sa** 78, dan ir-Regolament għandu, għall-Istati Membri, iwarrab il-konvenzjonijiet eżistenti waqt iż-żmien tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 li kienu ġew konklużi bejn żewġ Stati Membri jew aktar u jirrigwardaw kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament.

**2. Il-Finlandja u l-Iżvezja ngħataw l-għażla li jiddikjaraw, skont l-Artikolu 59(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (b) u (c) ta' dik id-dispożizzjoni li l-Konvenzjoni tas-6 ta' Frar 1931 bejn id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvezja li tinkludi d-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali privata dwar iż-żwieġ, l-adozzjoni u t-tutela, flimkien mal-Protokoll Finali tagħha, għandhom japplikaw, fl-intier jew f'parti biss, fir-relazzjonijiet reċiproki tagħhom, minflok ir-regoli ta' dak ir-Regolament. Id-dikjarazzjonijiet rispettivi tagħhom kienu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bħala anness għar-Regolament (KE) Nru 2201/2003. Jistgħu jiġu rtirati, fl-intier jew f'parti, f'kwalsijasi ħin mill-imsemmija Stati Membri.**

**3. Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni fi kwalsijasi ftehim fil-futur li jrid jiġi konkluż bejn l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 2 li jirrigwardaw il-kwistjonijiet regolati minn dan ir-Regolament għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.**

---

[79] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Huwa mfakkar li għal ftehimiet ma' Stat terz wieħed jew aktar konklużi minn Stat Membru qabel id-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni, japplika l-Artikolu 351 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

**4. Il-prinċipju li ma jkunx hemm diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' nazzjonalità bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni għandu jiġi rispettat.**

**5. Id-deċiżjonijiet meħuda f'xi wieħed mill-Istati Nordiċi li diġà għamlu d-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 taħt forum ta' ġurisdizzjoni li jikkorrispondi għal wieħed minn dawk stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati fl-Istati Membri l-oħra skont ir-regoli stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament.**

**6. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:**

**(a) kopja tal-ftehimiet u tal-liġijiet uniformi li jimplimentaw dawn il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3;**

**(b) kwalunkwe denunzja jew emenda tal-ftehimiet jew tal-liġijiet uniformi msemmija fil-paragrafi 2 u 3.**

**Din l-informazzjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali* tal-Unjoni Ewropea.**

Artikolu 73

Relazzjonijiet ma' ċerti konvenzjonijiet multilaterali

Fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, dan ir-Regolament jieħu preċedenza fuq il-konvenzjonijiet li ġejjin diment li jkunu jikkonċernaw kwistjonijiet li huma rregolati minn dan ir-Regolament:

(a) il-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru tal-1961 dwar il-Poteri tal-Awtoritajiet u l-Liġi Applikabbli fir-rigward tal-Protezzjoni tal-Minuri;

(b) il-Konvenzjoni tal-Lussemburgu tat-8 ta' Settembru tal-1967 dwar ir-Rikonoxximent tad-Deċiżjonijiet Dwar il-Validità taż-Żwiġijiet;

(c) il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Ġunju tal-1970 dwar ir-Rikonoxximent tad-Divorzji u tas-Separazzjonijiet Legali;

(d) il-Konvenzjoni Ewropea tal-20 ta' Mejju tal-1980 dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar tad-Deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-Kustodja tal-Minuri u r-ritorn tal-Kustodja tal-Minuri.

Artikolu 74

Relazzjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru tal-1980
dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri

Meta minuri jiġu mċaqalqa inġustament lejn, jew jinżammu inġustament fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn il-minuri jkunu residenti abitwali immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 għandhom (…) **jibqgħu jiġu applikati kif ikkomplementati mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli III u VI ta' dan ir-Regolament. Fejn deċiżjoni li tordna r-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 meħuda fi Stat Membru jkollha tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat Membru ieħor wara tneħħija jew żamma ulterjuri illegali tal-minuri, għandu japplika l-Kapitolu IV**.

Artikolu 75

Relazzjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru tal-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Koperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tal-Minuri

1. Rigward ir-relazzjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 , dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) soġġett għall-paragrafu 2, meta l-minuri konċernat ikollu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju ta' xi Stat Membru;

(b) rigward ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni meħuda minn (…) **qorti** ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, anki jekk il-minuri kkonċernat ikollu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju ta' Stat li jkun Parti kontraenti għal dik Konvenzjoni u li fih dan ir-Regolament ma japplikax.

2. Minkejja l-paragrafu 1,

(a) meta l-partijiet ikunu qablu fuq il-ġurisdizzjoni ta' (…) **qorti** fi Stat li jkun Parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 li fih dan ir-Regolament ma jkunx japplika, għandu japplika l-Artikolu 10 ta' dik il-Konvenzjoni;

(b) fir-rigward tat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni bejn (…) **qorti** fi Stat Membru u qorti fi Stat li jkun Parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 li fih dan ir-Regolament ma jkunx japplika, għandhom japplikaw l-Artikoli 8 u 9 ta' dik il-Konvenzjoni;

(c) meta l-proċedimenti rigward ir-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu pendenti quddiem (…) **qorti** ta' Stat li jkun Parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 li fih dan ir-Regolament ma japplikax fiż-żmien meta (…) tinfetaħ kawża quddiem **qorti** fi Stat Membru ta' proċedimenti rigward l-istess minuri u li jinvolvu l-istess azzjoni legali, għandu japplika l-Artikolu 13 ta' dik il-Konvenzjoni.[80]

(…)

Artikolu 76

Kamp ta' applikazzjoni tal-effetti(…)

1. Il-ftehimiet u l-konvenzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 72 sa 75 għandhom ikomplu jkollhom effett fir-rigward ta' kwistjonijiet li mhumiex regolati minn dan ir-Regolament.

2. Il-konvenzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 73 (…) **sa** 75, u partikolarment il-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1980 u tal-1996, **għandhom** ikomplu (…) **jkollhom effett** bejn l-Istati Membri li huma Parti fihom, skont l-Artikoli (…) 73 **sa** 75.

[80] Għandha tiżdied Premessa skont dan li ġej:

"Il-liġi applikabbli fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri jenħtieġ li tiġi ddeterminata skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996. Fl-applikazzjoni ta' dik il-Konvenzjoni fi proċedimenti quddiem qorti ta' Stat Membru li fih japplika dan ir-Regolament, ir-referenza għall-Artikolu 15(1) ta' dik il-Konvenzjoni għad-"dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II" ta' dik il-Konvenzjoni jenħtieġ li jkunu mifhuma bħala li qed jirreferu għad-"dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament'."

Artikolu 77

Trattati mas-Santa Sede

1. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għat-Trattat (Konkordat) Internazzjonali bejn is-Santa Sede u l-Portugall, iffirmat fil-Belt tal-Vatikan (…) fit-**18** ta' Mejju (…) **2004**.

2. Kull deċiżjoni dwar l-invalidità taż-żwieg taħt dan it-Trattat imsemmi fil-paragrafu 1 tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet stabbiliti fis-**Subsezzjoni 1 tat-**Taqsima 1 tal-Kapitolu IV.

3. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw ukoll għat-trattati internazzjoni (…) mas-Santa Sede li ġejjin:

(a) "Concordato lateranense" tal-11 ta' Frar 1929 bejn l-Italja u s-Santa Sede, immodifikat bil-ftehim bi Protokoll addizzjonali ffirmat f'Ruma fit-18 ta' Frar 1984;

(b) Ftehim bejn is-Santa Sede u Spanja dwar il-kwistjonijiet legali tat-3 ta' Jannar 1979;

(c) Ftehim tat-3 ta' Frar 1993 bejn is-Santa Sede u Malta dwar ir-rikonoxximent tal-effetti ċivili taż-żwiġijiet kanoniċi u tad-deċiżjonijiet ta' awtoritajiet u tribunali ekkleżjastiċi fuq dawk iż-żwiġijiet, inkluż il-Protokoll tal-applikazzjoni tal-istess data, (…) bit-**tielet** Protokoll Addizzjonali (…) tas-**27** ta' Jannar (…) **2014**.

4. Ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet previsti fil-paragrafu 2 jistgħu, fi Spanja, fl-Italja jew f'Malta, ikunu suġġetti għall-istess proċeduri u għall-istess verifiki kif applikabbli għad-deċiżjonijiet tal-qrati ekkleżjastiċi mogħtija fi qbil mat-trattati internazzjonali konklużi mas-Sante Sede msemmija fil-paragrafu 3.

5. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

(a) kopja tat-Trattati msemmija fil-paragrafi 1 u 3;

(b) kull denunzja ta', jew emendi għal dawk it-Trattati.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 78

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament japplika biss għall-azzjonijiet legali meħuda, għall-istrumenti awtentiċi li ġew formalment imfassla jew irreġistrati u għall-ftehimiet (…) **irreġistrati** fi [*id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] jew wara.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 għandu jkompli japplika għad-deċiżjonijiet fil-kawżi li saru', għall-istrumenti awtentiċi formalment imfassla jew irreġistrati u għall-ftehimiet (…) **li saru infurzabbli fi Stat Membru fejn kienu** ġew konklużi qabel [*id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] **u** li jaqgħu fil-kamp ta applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 79

Monitoraġġ u Evalwazzjoni

1. Sa [*10 snin wara d-data tal-applikazzjoni*] il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-evalwazzjoni ex post ta' dan ir-Regolament bl-appoġġ tal-informazzjoni fornita mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat jekk hemm bżonn bi proposta leġislattiva.

2. **Minn [*3 snin wara d-data tal-applikazzjoni*], l-**Istat Membru għandu (…) **jipprovdi** lill-Kummissjoni fuq talba, (…) **u fejn disponibbli,** l-informazzjoni (…) **rilevanti għall-evalwazzjoni tal-operazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament** dwar:

(a) l-għadd ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali jew fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li fihom il-ġurisdizzjoni kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(b) fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-infurzar skont l-Artikolu 32, l-għadd ta' każijiet fejn l-infurzar ma seħħx fi żmien sitt ġimgħat minn meta tnedew il-proċedimenti tal-infurzar;

(c) l-għadd ta' applikazzjonijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 39 u (…) l-għadd ta' każijiet li fihom ir-rifjut tar-rikonoxximent kien ingħata;

(d) l-għadd ta' applikazzjonijiet għar-rifjut tal-infurzar ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 41/**47p** u (…) l-għadd ta' każijiet li fihom ir-rifjut tal-infurzar kien ingħata;

(e) l-għadd ta' appelli ppreżentati skont l-Artikoli 44/**47r** u 45/**47r**, rispettivament.

Artikolu 80

Stati Membri li għandhom żewġ ordinamenti ġuridiċi jew aktar

Rigward Stat Membru li fih japplikaw żewġ ordinamenti ġuridiċi jew settijiet ta' regoli jew aktar rigward kwistjonijiet regolati minn dan ir-Regolament f'unitajiet territorjali differenti:

(a) kull referenza għar-residenza abitwali f'dak l-Istat Membru għandha tirreferi għar-residenza abitwali ġewwa unità territorjali;

(b) kull referenza għan-nazzjonalità (…) għandha tirreferi għall-unità territorjali nominata mil-liġi ta' dak l-Istat Membru;

(c) kull referenza għall-awtorità ta' Stat Membru tirreferi għall-awtorità ta' unità territorjali f'dak l-Istat Membru li huwa kkonċernat;

(d) kull referenza għar-regoli tal-Istat Membru mitlub għandha tirreferi għar-regoli tal-unità territorjali li fiha l-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar huwa invokat.

Artikolu 81

Informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jikkommunikaw lill-Kummissjoni dan li ġej:

**(a)** **kwalunkwe awtorità msemmija fl-Artikolu 2(1)(b1) u (b2) u l-Artikolu 58(2);**

**(b)** **il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu ċertifikati kif imsemmija fl-Artikolu 36a(1), l-Artikolu 56 u l-qrati kompetenti biex jirrettifikaw ċertifikati kif imsemmi fl-Artikolu 36b(1), l-Artikolu 47m(1), 47m1, u l-Artikolu 56(3) f'konnessjoni mal-Artikolu 36b(1);**

**(c)** **il-qrati msemmija fl-Artikolu 27(3), l-Artikolu 32/47f, l-Artikolu 39(1), l-Artikolu 41/47p(1), l-Artikolu 44/47r(2) u l-Artikolu 45/47r;**

**(d)** **l-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar imsemmija fl-Artikolu 32/47f;**

**(e)** **il-proċeduri ta' rimedju msemmija fl-Artikoli 44/47r u 45/47r;**

**(f)** l-ismijiet, l-indirizzi u l-mezzi ta' komunikazzjoni għall-Awtoritajiet Ċentrali maħtura skont l-Artikolu 60;

**(f1)** **il-kategoriji ta' qraba stretti msemmija fl-Artikolu 65(1a), fejn applikabbli;**

**(g)** il-lingwi aċċettati għall-komunikazzjonijiet mal-Awtoritajiet Ċentrali skont l-Artikolu (…) **69**(2);

**(h)** il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet skont (…) l-**Artikolu 64(3), l-Artikolu 64a(2), l-Artikolu 65(2), u l-Artikolu 69(2)**.

(…)

(…)

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni sa [(…) ***wieħed u għoxrin*** *xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament* (…)].

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull tibdil (…) għal**l**-informazzjoni **msemmija fil-paragrafu 1**.

4. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi l-informazzjoni **msemmija fil-paragrafu 1** għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz ta' mezzi xierqa, inkluż permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

Artikolu 82

Tħassir

1. Soġġett għall-Artikolu 78(2) **ta' dan ir-Regolament,** ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 jitħassar minn [*id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*].

2. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness **[**V**]**.

Artikolu 83

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. (…) **Dan** ir-Regolament għandu japplika minn (…) **[*l-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza tat-tliet snin mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament*],** bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 70, 71 u 81, li għandhom japplikaw mid-[*data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President